Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fid-9 ta' Novembru 2017[1]

**Kawża C-414/16**

**Vera Egenberger**
**vs**
**Evangelisches Werk für Diakonie und Entwicklung e.V.**

[Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (qorti industrijali federali, il-Ġermanja)]

"Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjiegi — Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78/KE — Rekwiżiti professjonali ġenwini, leġittimi u ġġustifikati ta' organizzazzjonijiet li l-etos tagħhom huwa bbażat fuq reliġjon jew twemmin — Differenza fit-trattament ibbażata fuq ir-reliġjon fil-qasam tal-impjiegi minn organizzazzjoni awżiljarja għal knisja — Artikolu 17 TFUE — Privileġġ ekkleżjastiku tal-awtodeterminazzjoni — Stħarriġ ġudizzjarju limitat tal-'identità proprja' ta' gruppi reliġjużi skont id-dritt kostituzzjonali tal-Istat Membru — Supremazija, unità u effettività tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza fit-trattament — Artikoli 52(3) u 53 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Ibbilanċjar ta' drittijiet kunfliġġenti — Effetti orizzontali tal-Karta"

Werrej


I. Introduzzjoni ........ 2

II. Il-kuntest ġuridiku ........ 4

A. Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ........ 4

B. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ........ 4

C. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ........ 5

D. Id-Direttiva 2000/78 ........ 5

E. Id-dritt Ġermaniż ........ 6

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari ........ 7


1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

IV. Id-deċiżjoni tar-rinviju ..... 8

V. Evalwazzjoni ..... 9

A. Ħarsa ġenerali ..... 9

B. Osservazzjonijiet preliminari ..... 12

1. L-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet reliġjużi u l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ..... 12

2. Regoli dwar l-applikazzjoni tal-Karta u l-kawża prinċipali ..... 13

3. L-istħarriġ ġudizzjarju tar-relazzjonijiet ta' impjieg u l-organizzazzjonijiet reliġjużi fil-Ġermanja ..... 16

C. Fuq l-ewwel domanda ..... 17

1. Ir-restrizzjonijiet skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fuq l-istħarriġ ġudizzjarju ta' organizzazzjonijiet reliġjużi li jimpjegaw ..... 17

2. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 ..... 18

(a) Rimarki ta' introduzzjoni ..... 18

(b) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 isostni restrizzjonijiet kostituzzjonali minn Stat Membru fuq l-istħarriġ ġudizzjarju? ..... 20

(1) Formulazzjoni ..... 20

(2) Kuntest u skop ..... 20

(3) Oriġini ..... 21

3. L-Artikolu 17 TFUE ..... 22

4. Konklużjoni fir-rigward tal-ewwel domanda ..... 25

D. Fuq it-tielet domanda ..... 25

E. Fuq it-tieni domanda ..... 30

F. Rimarki konklużivi ..... 32

VI. Risposti għad-domandi rrinvijati ..... 32

## I. Introduzzjoni

1. Wara li qrat reklam għal xogħol li ġie ppubblikat f'Novembru tal-2012, Vera Egenberger applikat mingħajr suċċess għal pożizzjoni għal żmien determinat ta' tmintax-il xahar mal-Evangelisches Werk für Diakonie und Entwicklung e.V. (iktar 'il quddiem il-"konvenuta"). Din hija assoċjazzjoni li esklużivament issegwi skopijiet karitatevoli, benevolenti u reliġjużi, hija rregolata mid-dritt privat u li hija organizzazzjoni awżiljarja tal-Evangelische Kirche in Deutschland (knisja protestanta

fil-Ġermanja). Il-pożizzjoni rreklamat kienet tinvolvi l-preparazzjoni ta' rapport dwar il-konformità tal-Ġermanja mal-Konvenzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Razzjali (iktar 'il quddiem ir-"rapport dwar id-diskriminazzjoni razzjali". Vera Egenberger (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") għandha diversi snin ta' esperjenza f'dan il-kamp u kitbet firxa ta' pubblikazzjonijiet rilevanti [2].

2. Ir-rikorrenti ssostni li hija ma nħatritx għall-pożizzjoni minħabba n-nuqqas ta' fidi konfessjonali tagħha u li dan seħħ bi ksur tad-dritt tagħha għal twemmin kif rifless fl-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u li saret diskriminazzjoni fil-konfront tagħha abbażi ta' dan it-twemmin, bi ksur tal-Artikolu 21 tal-Karta u tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2000/78") [3].

3. Peress li l-kawża tal-konvenuta hija bbażata fuq l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, din it-tilwima essenzjalment tikkonċerna d-differenza fit-trattament ibbażata fuq it-twemmin fir-rigward ta' "attivitajiet tax-xogħol fi knejjes u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati oħrajn li l-ethos tagħhom huwa bbażat fuq reliġjon jew twemmin" skont din id-dispożizzjoni. Madankollu, hija wkoll l-ewwel darba li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita bl-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 [4] u għalhekk inħolqu kwistjonijiet kumplessi dwar l-interazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma' diversi dispożizzjonijiet tal-Karta, inkluż l-Artikolu 22 li jipprovdi li l-"Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika", flimkien mal-Artikolu 17 TFUE li jippreżerva "l-istatus" taħt il-liġi nazzjonali tal-knejjes, tal-assoċjazzjonijiet jew tal-komunitajiet reliġjużi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali [5].

4. Barra minn hekk, huwa rrapportat li l-istituzzjonijiet relatati mal-Knisja huma t-tieni l-ikbar persuna li timpjega fil-Ġermanja u li dawn jokkupaw pożizzjoni kważi monopolistika f'ċerti oqsma u setturi tax-xogħol [6]. Għaldaqstant, ikun diffiċli li tiġi eżaġerata d-delikatezza tal-ibbilanċjar, minn naħa, tal-preżervazzjoni tad-dritt tal-organizzazzjonijiet reliġjużi tal-Unjoni Ewropea għall-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni [7], bħala s-sies primarju tal-argumenti tal-konvenuta biex tiġġustifika l-inugwaljanza fit-trattament inkwistjoni, u, minn-naħa l-oħra, l-applikazzjoni effettiva tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fir-rigward tar-reliġjon u tat-twemmin fis-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea ddiversifikat mil-lat etniku u reliġjuż, fejn l-aċċess ugwali għall-impjieg u l-iżvilupp professjonali huma ta' sinjifikat fundamentali għal kulħadd u ma humiex biss mezz għall-qligħ tal-għajxien u għall-ksib ta' ħajja awtonoma, iżda wkoll għall-awtorealizzazzjoni u r-realizzazzjoni tal-potenzjal personali [8].

2 Osservazzjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti.

3 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79. Il-kawża prinċipali tikkonċerna "il-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg [...] inklużi l-kriterji ta' għażla u l-kondizzjonijiet ta' reklutaġġ" taħt l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78.

4 Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità li tinterpreta l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78 fis-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2017, Bougnaoui u ADDH u *ADDH*, C-188/15, EU:C:2017:204; tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez, C-416/13, EU:C:2014:2371; tat-13 ta' Settembru 2011, Prigge *et* C-447/09, EU:C:2011:573; tat-12 ta' Jannar 2010, Wolf C-229/08, EU:C:2010:3; u tal-15 ta' Novembru 2016, Sorondo, C-258/15, EU:C:2016:873.

5 Robbers, G., *Religion and Law in Germany*, It-Tieni Edizzjoni, Wolters Kluwer, 2013; Zucca, L. u Ungureanu, C., *Law, State and Religion in the New Europe*, Cambridge University Press, 2012; Doe, N., *Law and Religion in Europe: a Comparative Introduction*, Oxford University Press, 2011; McCrea, R., *Religion and the Public Order of the European Union*, Oxford University Press, 2010; Leustean, L. N. u Madeley, J. T. S. (eds), *Religion, Politics and Law in the European Union*, Routledge, 2010.; de Charentenay, P., 'Les relations entre l'Union européenne et les religions', *Revue du Marché commun et de l'Union européenne*, 465 (2003), p. 90; Massignon, B., 'Les relations entre les institutions religieuses et l'Union européenne: un laboratoire de gestion de la pluralité religieuse et philosophique?' f'Armogathe, J-R., u Willaime, J-P (eds), *Les mutations contemporaines du religieux*, Brepols, 2003, p. 25.

6 Rapport parallel fuq ir-Rapporti 19 sa 22 ippreżentat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja lill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (2015), p. 42. Ir-rapport huwa disponibbli fuq http://www.institut-fuer-menschenrechte.de/fileadmin/user_upload/PDF-Dateien/Pakte_Konventionen/ICERD/icerd_state_report_germany_19-22_2013_parallel_FMR_Diakonie_2015_en.pdf. Skont il-proċess, dan huwa r-rapport dwar id-diskriminazzjoni razzjali ippubblikat mill-konvenuta.

7 Fil-Ġermanja d-dritt ta' awtodeterminazzjoni huwa mogħti kemm lill-assoċjazzjonijiet reliġjużi kif ukoll lill-affiljati tagħhom. Ara l-punt 91, BVerfG tat-22 ta' Ottubru 20 2014, 2 BvR 661/12.

8 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Bougnaoui u ADDH C-188/15, EU:C:2016:553, punt 71, fejn ġie ċċitat il-punt 11 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Coleman, C-303/06, EU:C:2008:61. Ara wkoll il-premessa 9 tad-Direttiva 2000/78.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

5. L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB") jipprevedi:

"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; dan id-dritt jinkludi l-libertà li jbiddel ir-reliġjon jew twemmin tiegħu u l-libertà, sew waħdu kemm ma' oħrajn u pubblikament jew privatament, li juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, fil-qima, tagħlim, prattika u osservanza.

2. Il-libertà li wieħed juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu tkun suġġetta biss għal dawk il-limitazzjonijiet li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà pubblika, għall-protezzjoni ta' l-ordni pubblika, tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

### It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

6. L-Artikolu 4(2) TUE jipprevedi:

"L-Unjoni għandha tirrispetta l-ugwaljanza ta' l-Istati Membri quddiem it-Trattati kif ukoll l-identità nazzjonali tagħhom, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali, fundamentali tagħhom, inkluża l-awtonomija lokali u reġjonali. Hija għandha tirrispetta l-funzjonijiet Statali essenzjali tagħhom, inkluż dawk li jassiguraw l-integrità territorjali ta' l-Istat, iż-żamma ta' l-ordni pubbliku u l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali. B'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru."

### B. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

7. L-Artikolu 10 TFUE jipprevedi:

"Fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali."

8. L-Artikolu 17 TFUE jipprevedi:

"1. L-Unjoni tirrispetta u ma tippreġudikax l-istatus li jgawdu minnu, taħt il-liġi nazzjonali, il-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri.

2. L-Unjoni tirrispetta wkoll l-istatus li jgawdu minnu, taħt il-liġi nazzjonali l-organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali.

3. Waqt li tirrikonoxxi l-identità u l-kontribuzzjoni speċifika tagħhom, l-Unjoni għandha żżomm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari ma' dawn il-knejjes u organizzazzjonijiet."

## C. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

9. L-Artikolu 10 tal-Karta huwa intitolat "Il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon". L-Artikolu 10(1) jipprevedi:

"Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon. Dan id-dritt jimplika l-libertà li wieħed ibiddel ir-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, kif ukoll il-libertà li juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, waħdu jew ma' oħrajn, fil-pubbliku jew fil-privat, fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika u fl-osservanza tar-riti."

10. L-Artikolu 22 tal-Karta huwa intitolat "Id-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika" u jipprevedi:

"L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika."

11. L-Artikolu 52(3) tal-Karta jipprovdi:

"Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli [t]ipprevedi protezzjoni aktar estensiva."

12. L-Artikolu 53 tal-Karta, intitolat "Il-livell ta' protezzjoni", jipprovdi:

"Xejn f'din il-Karta m'għandu jiġi interpretat bħala li jillimita jew li jolqot b'mod negattiv id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, mil-liġi ta' l-Unjoni [...] l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri."

## D. Id-Direttiva 2000/78

13. Il-premessa 24 tad-Direttiva 2000/78 tipprovdi:

"L-Unjoni Ewropea fid-Dikjarazzjoni Nru 11 tagħha dwar l-istatus tal-knejjes u l-organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessa ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, irrikonoxxiet espliċitament li tirrispetta u ma tippreġudikax l-istat taħt il-liġi nazzjonali tal-knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri u li ugwalment tirrispetta l-istat ta' l-organizzazzjonijiet filosofiċi u dawk mhux konfessjonali. B'dan l-iskop, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jistabilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar rekwiżiti tax-xogħol essenzjali [ġenwini], leġittimi u ġustifikati, li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiġi eżerċitata attività professjonali."

14. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, intitolat "Skop", jipprevedi:

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament."

15. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78 huwa intitolat "Il-kunċett ta' diskriminazzjoni". L-Artikolu 2(1) jipprevedi:

"Għall-iskop ta' din id-Direttiva, 'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1."

16. L-Artikolu 2(2)(a) jipprevedi:

"Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

(a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;"

17. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/78 huwa intitolat "Il-ħtiġiet tax-xogħol [Rekwiżiti professjonali]". L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jipprevedi:

"L-Istati Membri jistgħu jżommu leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva jew jipprovdu għal-leġislazzjoni futura li tinkorpora prattiċi nazzjonali eżistenti fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva li skond liema, fil-kaz ta' attivitajiet tax-xogħol fi knejjes u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati oħrajn li l-ethos tagħhom huwa bbażat fuq reliġjon jew twemmin, differenza ta' trattament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin ta' persuna m'għandhiex tikkostitwixxi diskriminazzjoni meta, minħabba n-natura ta' dawn l-attivitajiet jew l-kuntest li fihom jitwettqu, ir-reliġjon jew it-twemmin ta' persuna jikkostitwixxu rekwiżit ġenwin, leġittimu u ġġustifikat tax-xogħol meta jitqies l-ethos ta' l-organizzazzjoni. Din id-differenza ta' trattament għandha tiġi implimentata fir-rispett tad-dispożizzjonijiet u l-prinċipji kostituzzjonali ta' l-Istati Membri, kif ukoll tal-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja, u m'għandhiex tiġġustifka diskriminazzjoni fuq xi bażi oħra."

## E. Id-dritt Ġermaniż

18. L-Artikolu 4(1) u (2) tal-Grundgesetz (liġi bażika tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, iktar 'il quddiem il-"GG") jipprevedi:

"(1) Il-libertà tal-kuxjenza u tal-fidi u l-libertà tat-twemmin reliġjuż u filosofiku huma invjolabbli.

(2) Il-libertà tal-qima hija ggarantita."

19. L-Artikolu 140 tal-GG jipprovdi li l-Artikoli 136 sa 139 u 141 tal-Verfassung des Deutschen Reiches (kostituzzjoni tal-Istat Ġermaniż, iktar 'il quddiem il-"WRV") jagħmlu parti integrali mill-liġi bażika. Id-dispożizzjonijiet saljenti tal-Artikolu 137 tal-WRV jipprovdu kif ġej:

"(1) Ma teżistix knisja tal-Istat.

(2) Hija ggarantita l-libertà li jiġu ffurmati soċjetajiet reliġjużi.

(3) Kull soċjetà reliġjuża għandha tirregola u tamministra l-affarijiet tagħha b'mod indipendenti fi ħdan il-konfini tal-liġi li tapplika għal kulħadd. Hija tikkonferixxi l-karigi tagħha mingħajr l-involviment tal-Istat jew tal-komunità ċivili. […]

(7) Assoċjazzjonijiet li għandhom l-iskop li jrawmu twemmin filosofiku fil-komunità għandu jkollhom l-istess status bħal soċjetajiet reliġjużi.

[…]"

20. L-Artikolu 1 tal-Allgemeine Gleichbehandlungsgesetz (liġi ġenerali dwar l-ugwaljanza fit-trattament iktar 'il quddiem l-"AGG") jipprevedi:

"Din il-liġi għandha l-għan li tipprekludi jew li telimina kull diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew fuq l-oriġini etnika, is-sess, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali."

21. L-Artikolu 7(1) tal-AGG jipprevedi:

"Il-ħaddiema ma għandhom ikunu suġġetti għal ebda diskriminazzjoni abbażi ta' wieħed mill-motivi msemmija fl-Artikolu 1; din il-projbizzjoni tapplika wkoll meta l-persuna li tkun wettqet id-diskriminazzjoni sempliċement tassumi li jeżisti wieħed mill-motivi msemmija fl-Artikolu 1." [9]

22. L-Artikolu 9(1) tal-AGG jipprevedi:

"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 [tal-AGG], differenza fit-trattament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin hija ammissibbli wkoll fil-każ tal-impjieg minn soċjetajiet reliġjużi, minn istituzzjonijiet affiljati magħhom, irrispettivament mill-forma ġuridika, jew minn assoċjazzjonijiet li għandhom l-iskop li jrawmu reliġjon jew twemmin fil-komunità, meta reliġjon jew twemmin partikolari jikkostitwixxu rekwiżit professjonali ġġustifikat filwaqt li jittieħed kont tal-perċezzjoni proprja ta' min jimpjega, fid-dawl tad-dritt tiegħu għal awtonomija jew minħabba n-natura tal-attivitajiet tiegħu."

## III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

23. Ir-reklam inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien jaqra kif ġej:

"Neżiġu s-sħubija fi Knisja Protestanta jew fi knisja li hija membru tal-Arbeitsgemeinschaft Christlicher Kirchen in Deutschland (kooperattiva tal-knejjes kristjani fil-Ġermanja) u l-identifikazzjoni mal-missjoni tal-għajnuna. Jekk jogħġbok indika s-sħubija tiegħek fil-*curriculum vitae.*"

24. Il-kompiti speċifikati fl-istess reklam kienu jinkludu r-rappreżentazzjoni personali, fi ħdan il-qafas tal-proġett, tad-Dijakonija tal-Ġermanja lid-dinja politika barranija, lill-pubbliku u lill-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti. Huwa kien isemmi wkoll il-provvista ta' informazzjoni lid-Dijakonija tal-Ġermanja u l-koordinazzjoni tal-proċess tal-formazzjoni ta' opinjonijiet fi ħdan din l-organizzazzjoni.

25. Kif semmejt iktar 'il fuq, ir-rikorrenti, li ma tappartjeni għal ebda komunità reliġjuża, applikat mingħajr suċċess għall-pożizzjoni rreklamata. Il-persuna li finalment inħatret kienet indikat is-sħubija reliġjuża tagħha bħala "kristjana Protestanta ssoċjalizzata fil-Knisja reġjonali ta' Berlin".

26. Ir-rikorrenti ppreżentat talba quddiem l-Arbeitsgericht Berlin (qorti industrijali, Berlin) għall-ħlas tad-danni li jammontaw għal mill-inqas EUR 9 788.65. L-Arbeitsgericht (qorti industrijali) ddikjarat li r-rikorrenti kienet sofriet diskriminazzjoni, iżda l-kumpens mogħti kien biss ta' EUR 1 957.73. Il-kawża ġiet appellata quddiem il-Landesarbeitsgericht Berlin-Brandenburg (qorti industrijali superjuri, Berlin-Brandenburg) u wara quddiem il- Bundesarbeitsgericht (qorti industrijali federali).

27. Peress li dik il-qorti ma hijiex ċerta dwar l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni fiċ-ċirkustanzi tal-każ, hija għamlet id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267TFUE:

"(1) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li timpjega, bħall-konvenuta f'din il-kawża, jew inkella l-Knisja għaliha, tista' tiddeċiedi hija stess, b'mod vinkolanti, li r-reliġjon speċifika ta' kandidat tikkostitwixxi, minħabba n-natura tal-attività jew il-kuntest li fih hija eżerċitata, rekwiżit professjonali essenzjali [ġenwin], leċitu [leġittimu] u ġġustifikat fid-dawl tal-etos tagħha?

9 It-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1) tal-AGG, jipprevedi *inter alia*, li kandidati għal pożizzjoni huma ħaddiema għall-finijiet tal-Artikolu 7 tal-AGG.

(2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

Dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, f'dan il-każ l-Artikolu 9(1), l-ewwel ipoteżi, tal-liġi ġenerali dwar l-ugwaljanza fit-trattament (AGG), li tipprovdi li inugwaljanza fit-trattament bbażata fuq ir-reliġjon f'każ ta' impjieg minn komunitajiet reliġjużi u l-isituzzjonijiet affiljati ma' dawn tal-aħħar hija wkoll leċita jekk, b'kunsiderazzjoni għall-identità proprja ta' din il-komunità reliġjuża fid-dawl tad-dritt tagħha ta' awtodeterminazzjoni, reliġjon partikolari tikkostitwixxi rekwiżit professjonali ġġustifikat, għandha tibqa' mhux applikata f'kawża bħal dik preżenti?

(3) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

Liema rekwiżiti għandhom jiġu imposti, bħala rekwiżit professjonali [ġenwin], leċitu [leġittimu] u ġġustifikat, għan-natura tal-attività jew għall-kuntest li fih hija eżerċitata, fid-dawl tal-etos tal-organizzazzjoni, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78/KE?"

28. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja mir-rikorrenti, mill-konvenuta, mill-Gvern Ġermaniż u mill-Irlanda u mill-Kummissjoni Ewropea. Bl-eċċezzjoni tal-Irlanda, kollha pparteċipaw fis-seduta li saret fit-18 ta' Lulju 2017.

## IV. Id-deċiżjoni tar-rinviju

29. Fil-kawża prinċipali huwa paċifiku li, permezz tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-AGG, Il-Ġermanja eżerċitat l-għażla fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 li jew "jżommu leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva" jew "jipprovdu għal-leġislazzjoni futura li tinkorpora prattiċi nazzjonali eżistenti" fl-istess data fir-rigward ta' rekwiżiti professjonali "ġenwin[i], leġittim[i] u ġġustifikat[i] [10]. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, ir-rikorrenti ssostni li ma huwiex kompatibbli mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni skont l-Artikolu 7(1) tal-AGG, għall-inqas meta interpretat konformement mad-dritt tal-Unjoni, li fil-proċess tal-ħatra inkwistjoni ttieħdet inkunsiderazzjoni r-reliġjon, kif ir-reklam jagħti x'jifhem biċ-ċar li ġara. L-Artikolu 9(1) tal-AGG ma jiġġustifikax id-diskriminazzjoni li seħħet. Huwa wkoll apparenti li l-konvenuta ma eżiġietx konsistentement l-affiljazzjoni ma' fidi konfessjonali għall-pożizzjonijiet kollha li rreklamat u li l-pożizzjoni rreklamat kienet ġiet iffinanzjata, *inter alia*, minn fondi relatati ma' proġett, ipprovduti minn terzi mhux tal-Knisja.

30. Il-konvenuta tikkunsidra li d-differenza fit-trattament ibbażata fuq ir-reliġjon inkwistjoni hawnhekk hija ġġustifikata skont l-Artikolu 9(1) tal-AGG. Ir-regoli li jirregolaw il-Knisja Protestanta fil-Ġermanja jipprovdu li s-sħubija fi Knisja Kristjana hija rekwiżit essenzjali għall-ħolqien ta' relazzjoni ta' impjieg. Id-dritt li jiġi stabbilit tali rekwiżit jagħmel parti mid-dritt tal-knejjes għal awtodeterminazzjoni, li huwa protett bil-liġi kostituzzjonali Ġermaniża, imnissla mill-Artikolu 140 tal-GG flimkien mal-Artikolu 137(3) tal-WRV. Dan huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, partikolarment fir-rigward tal-Artikolu 17 TFUE. Addizzjonalment, konformement mal-identità proprja tal-organizzazzjoni konvenuta, l-aderenza reliġjuża hija rekwiżit professjonali ġġustifikat minħabba n-natura tal-attivitajiet inkwistjoni.

31. Fir-rigward tal-ewwel domanda, id-deċiżjoni tar-rinviju tgħid li kienet ir-rieda espressa tal-leġiżlatur Ġermaniża li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jiġi traspost b'tali mod li d-dispożizzjonijiet u l-prattiki ġuridiċi eżistenti jinżammu; il-leġiżlatur nazzjonali ħa din id-deċiżjoni b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (qorti kostituzzjonali

10 Għalkemm id-data ta' pubblikazzjoni tal-AGG hija l-14 ta' Awwissu 2006, ara BGB1. I, p. 1897, u d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2000/78 hija t-2 ta' Diċembru 2000, skont il-proposta tal-Gvern Ġermaniż għall-promulgazzjoni tal-AGG, din tirrifletti prattiċi nazzjonali li kienu jeżistu fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2000/78. Ara Deutscher Bundestag Drucksache 16/1780, 8 ta' Ġunju 2006, p. 35.

federali), u għamel riferiment espliċitu għall-Artikolu 140 tal-GG flimkien mal-Artikolu 137(3) tal-WRV fir-rigward tal-"privileġġ tal-awtodeterminazzjoni". Għalhekk, skont id-dritt Ġermaniż, l-istħarriġ ġudizzjarju fil-kuntest tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 huwa limitat għal stħarriġ tal-plawżibbiltà, abbażi tal-identità proprja ta' reliġjon iddefinita mit-twemmin. Madankollu, il-qorti tar-rinviju nazzjonali tistaqsi jekk tali interpretazzjoni tal-Artikolu 9(1) tal-AGG hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni.

32. Fir-rigward tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju tinnota li l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja teżiġi riflessjoni dwar jekk il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon hijiex dritt suġġettiv li jirrikjedi li dispożizzjonijiet inkonsistenti tal-Istati Membri ma għandhomx jibqgħu jiġu applikati, anki f'tilwimiet bejn żewġ partijiet privati [11]. Madankollu, għadu ma ġiex deċiż jekk dan japplikax meta min jimpjega jinvoka d-dritt primarju tal-Unjoni, bħall-Artikolu 17 TFUE, biex jiġġustifika żvantaġġ ibbażat fuq ir-reliġjon.

33. Fir-rigward tat-tielet domanda, qed tintalab kjarifika dwar kif kriterji stabbiliti taħt il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward ta' dawk li d-deċiżjoni tar-rinviju tirreferi għalihom bħala kunflitti ta' lealtà li jikkonċernaw it-twemmin f'relazzjonijiet ta' impjieg eżistenti, jistgħu jkunu milquta mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78. Dawn il-kriterji jinkludu, partikolarment, in-natura tal-pożizzjoni inkwistjoni [12], il-prossimità tal-attività inkwistjoni għall-missjoni proklamatorja [13], u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' terzi, pereżempju l-interess ta' università Kattolika li t-tagħlim tagħha jkun kkaratterizzat minn twemmin Kattoliku [14]. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem twettaq ukoll eżerċizzju ta' bbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi li jikkompetu ma' xulxin [15].

## V. Evalwazzjoni

### A. Ħarsa ġenerali

34. Ser nibda l-analiżi tiegħi billi nindirizza tliet kwistjonijiet preliminari.

35. L-ewwel nett, ser nikkunsidra jekk it-tweġib tad-domandi rrinvijati jirrikjedix riflessjoni dwar jekk il-konvenuta involvietx ruħha f'"attivitajiet ekonomiċi" jew le meta ħarġet sejħa għal membri ta' knejjes Kristjani speċifiċi biex jippreparaw ir-rapport dwar id-diskriminazzjoni razzjali u jirrappreżentawha professjonalment, u meta fl-aħħar mill-aħħar għażlet tali persuna.

36. It-tieni nett, ser nispjega fid-dettall kif u għalfejn l-Artikoli 52(3) u 53 tal-Karta huma ċentrali għar-riżoluzzjoni tal-problemi ġuridiċi li jirriżultaw fil-kawża prinċipali. L-Artikolu 52(3) tal-Karta jipprevedi li, sa fejn id-drittijiet elenkati fil-Karta jikkorrispondu għad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB, it-tifsira u l-ambitu ta' dawn id-drittijiet huma l-istess. L-Artikolu 52(3) iżid li din id-dispożizzjoni "ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva". Il-parti tal-Artikolu 53 li hija partikolarment rilevanti tikkonċerna d-dikjarazzjoni, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja

11 Ara s-sentenzi tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata; u tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 51.

12 Qorti EDB, 12 ta' Ġunju 2014, Fernández Martínez vs Spanja, CE:ECHR:2014:0612JUD005603007, punt 131; Qorti EDB, 23 ta' Settembru 2010, Obst vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2010:0923JUD000042503, punti 48-51; u Qorti EDB, 23 ta' Settembru 2010, Schüth vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2010:0923JUD000162003, punt 69.

13 Qorti EDB, 23 ta' Settembru 2010, Schüth vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2010:0923JUD000162003, punt 69. Ara, dwar il-kredibbiltà tal-knisja kemm fil-perċezzjoni tal-pubbliku kif ukoll fil-konfront tal-klijentela tagħha, Qorti EDB, 3 ta' Frar 2011, Siebenhaar vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2011:0203JUD001813602, punt 46, u dwar il-prominenza tal-pożizzjoni inkwistjoni, Qorti EDB, 23 ta' Settembru 2010, Obst vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2010:0923JUD000042503, punt 51.

14 Qorti EDB, ,20 ta' Ottubru 2009, Lombardi Vallauri vs L-Italja, CE:ECHR:2009:1020JUD003912805, punt 41.

15 Qorti EDB,, tat-23 ta' Settembru 2010, Schüth vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2010:0923JUD000162003, punt 69.

fid-deċiżjoni tagħha fil-kawża Melloni[16], li xejn "f'din il-Karta m'għandu jiġi interpretat bħala li jillimita jew li jolqot b'mod negattiv id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, mil-liġi ta' l-Unjoni […] u mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri."

37. It-tielet nett, ser nidħol fl-inkonsistenzi tal-materjal li ġie ppreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kontenut preċiż tad-dritt Ġermaniż, kif elaborat fil-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (qorti kostituzzjonali federali), fir-rigward tal-limiti relatati mal-istħarriġ ġudizzjarju ta' organizzazzjonijiet reliġjużi li jinvokaw il-privileġġ ekkleżjastiku tal-awtodeterminazzjoni fil-kuntest tad-dritt industrijali.

38. Imbagħad ser ngħaddi biex nirrispondi d-domandi rrinvijati. L-ewwel ser nirrispondi d-domandi 1 u 3, peress li dawn essenzjalment jitolbu għal interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 fid-dawl tad-dritt primarju tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-Artikolu 17 TFUE, u fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

39. Filwaqt li nirrispondi l-ewwel d-domanda, ser nikkunsidra jekk ir-riferiment fl-Artikolu 17 TFUE għall-"istatus" ta' organizzazzjonijiet reliġjużi taħt il-liġi ta' Stat Membru, flimkien ma' allużjoni għad-dispożizzjonijiet u l-prinċipji kostituzzjonali tal-Istat Membru magħmula fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78[17], humiex biżżejjed biex jinħoloq *renvoi* [riferiment] għad-dritt tal-Istati Membri, u fil-kawża prinċipali tal-Ġermanja, fir-rigward tal-iskala u l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju meta impjegat jew impjegat prospettiv[18] jikkontesta l-użu minn organizzazzjoni reliġjuża tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 biex tiġġustifika inugwaljanza fit-trattament fir-rigward tar-reliġjon jew tat-twemmin f'relazzjonijiet ta' impjieg.

40. Ser nibbaża fuq l-analiżi ppreparata fir-risposta għall-ewwel d-domanda sabiex nidentifika r-"rekwiżiti", imsemmija fit-tielet domanda (li nippreferi nirreferi għalihom bħala "fatturi" rilevanti għall-fini tal-analiżi), fir-rigward tan-natura tal-attivitajiet jew tal-kuntest li fih jitwettqu, bħala rekwiżiti professjonali ġenwini, leġittimi u ġġustifikati, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-etos tal-organizzazzjoni, konformement mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78.

41. It-tieni domanda, li ser nittratta l-aħħar, tikkonċerna l-konsegwenzi li ser isegwu, f'termini ta' rimedji, jekk l-interpretazzjoni mogħtija lid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni rilevanti għar-riżoluzzjoni tat-tilwima inkwistjoni tkun inkonsistenti mat-test tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt Ġermaniż, b'tali mod li ma huwiex possibbli li tal-aħħar jiġi interpretat konformement mad-dritt tal-Unjoni.

42. Din il-kwistjoni titqajjem fil-kawża prinċipali għaliex id-dritt fundamentali taħt id-dritt tal-Unjoni, li ma ssirx diskriminazzjoni ibbażata fuq it-twemmin, huwa espress b'mod konkret f'direttiva tal-Unjoni Ewropea[19], u l-kawża prinċipali tikkonċerna sitwazzjoni orizzontali fejn dik id-direttiva tal-Unjoni Ewropea hija invokata miż-żewġ partijiet fit-tilwima kontra xulxin; ir-rikorrenti hija parti

16 Sentenza tas-26 ta' Frar 2013, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża M.A.S. u M.B., C-42/17, EU:C:2017:564, punti 157 u 158 (is-sentenza għadha pendenti).

17 Peress li l-kawża prinċipali tikkonċerna t-twemmin tar-rikorrenti u mhux l-imġiba tagħha, ir-rekwiżit li "[*taġixxi*] in buonafede u b'lealtà lejn l-etika ta' l-organizzazzjoni" (enfasi tiegħi), stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 ma huwiex rilevanti għall-kawża prinċipali.

18 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/78 jiġbor taħtu, *inter alia*, kemm ir-reklutaġġ [Artikolu 3(1)(a)] u t-tkeċċija [Artikolu 3(1)(ċ)].

19 Sentenza tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 35. Peress li r-regoli dwar l-infurzar tad-direttivi fid-dritt tal-Istati Membri huma irrilevanti meta dritt fundamentali li qed jiġi infurzat orizzontalment huwa rifless f'artikolu tat-Trattat, il-pożizzjoni ġuridika hija iktar sempliċi. Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1974, Walrave u Koch, C-36/74, EU:C:1974:140; tal-15 ta' Ġunju 1978, Defrenne 149/77, EU:C:1978:130; u tas-6 ta' Ġunju 2000, Angonese C-281/98, EU:C:2000:296. Ara, b'mod ġenerali, Tridimas, T., "Horizontal effect of general principles: bold rulings and fine distinctions" f'Bernitz, U., Groussot, X., u Schulyok, F., *General Principles of EU Law and European Private Law*, Wolters Kluwer, 2013, p. 213.

privata individwali u l-konvenuta hija assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat[20]. Ir-rikorrenti tinvoka l-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2000/78 kontra l-konvenuta u l-konvenuta tinvoka l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 kontra r-rikorrenti. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet konsistentement, li direttiva ma tistax, minnha nfisha, toħloq obbligu fir-rigward ta' individwu u għaldaqstant ma tistax tiġi invokata kontra individwu[21].

43. L-obbligu tal-qrati tal-Istati Membri biex jinterpretaw id-dritt tal-Istati Membri b'mod kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni għandu limiti oħra. Għalhekk, l-obbligu tal-qorti nazzjonali biex tirreferi għad-dritt tal-Unjoni meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt intern huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali[22].

44. Konsegwentement, din il-manifestazzjoni tal-projbizzjoni klassika ta' effett dirett orizzontali ta' direttivi tinsab f'kunflitt ma' regola oħra żviluppata fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan ifisser li, filwaqt li d-dritt fundamentali li ma ssirx diskriminazzjoni ibbażata fuq l-età ġie espress speċifikament f'direttiva tal-Unjoni Ewropea, dan xorta waħda għandu effett dirett orizzontali, b'tali mod li l-miżuri nazzjonali *kollha* li huma inkonsistenti kif ukoll miżuri *contra legem* għandhom jibqgħu mhux applikati, anki f'tilwimiet fejn parti privata qed taġixxi kontra parti privata oħra[23].

45. Għaldaqstant, skont it-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju nazzjonali tixtieq issir taf jekk il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni ibbażata fuq ir-reliġjon u tat-twemmin tappartjenix għall-istess *grupp* ta' drittijiet bħall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni ibbażata fuq l-età, hekk li l-miżuri nazzjonali inkonsistenti *kollha* li huma inkonsistenti mad-dritt tal-Unjoni [b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78] għandhom jibqgħu mhux applikati mill-qorti tar-rinviju nazzjonali, minkejja n-natura orizzontali tat-tilwima quddiemha[24]. Barra minn hekk, huwa ċar mid-deċiżjoni tar-rinviju, jekk mhux mit-test tat-tieni domanda stess, li l-qorti tar-rinviju nazzjonali qiegħda tfittex ukoll gwida dwar jekk l-Artikolu 17 TFUE huwiex b'xi mod rilevanti għal din id-determinazzjoni.

20 Fill-proċess ma hemm xejn li jissuġġerixxi li l-konvenuta kienet meħtieġa twettaq xogħol ta' servizz pubbliku u li naghtat, għal dan il-għan, poteri speċjali mill-Gvern Ġermaniż, jew li l-konvenuta hija persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku, f'liema każ hija tkun "paragunabbli għall-Istat" u suġġetta għad-duttrina tal-effett dirett fir-rigward tad-Direttiva 2000/78. Ara s-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2017, *Farrell*, C-413/15, EU:C:2017:745, punt 34.

21 Ara, is-sentenza reċenti ħafna *Farrell, ibid*, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll b'mod partikolari is-sentenzi tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 37, u tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 36, tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 46, u tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 108.

22 Sentenza tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston tat-22 ta' Ġunju 2017, Farrell, C-413/15, EU:C:2017:492, punt 150, fejn l-Avukat Ġenerali talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkunsidra u teżamina mill-ġdid il-ġustifikazzjonijiet adottati fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori, C-91/92, EU:C:1994:292, għar-rifjut tal-effett dirett orizzontali ta' direttivi.

23 Għal diskussjoni ddettaljata dwar il-limiti tal-effetti orizzontali ta' direttivi, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża DI, C-441/14, EU:C:2015:776.

24 Fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston, Bougnaoui u ADDH, C-188/15, EU:C:2016:553, huwa ssuġġerit li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon, bħall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, huwa prinċipju ġenerali tad-dritt li huwa espress speċifikament fid-Direttiva 2000/78. Fil-punti 144 sa 146 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott, CHEZ Razpredelenie Bulgaria, C-83/14, EU:C:2015:170, huwa argumentat li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika u r-razza, li huwa espress speċifikament fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23), għandu l-istess status, għall-inqas f'relazzjonijiet ġuridiċi li "huma kkaratterizzati minn żbilanċ strutturali bejn il-partijiet".

## B. Osservazzjonijiet preliminari

### *1. L-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet reliġjużi u l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni*

46. Ir-reliġjon ma ngħatat post fl-ebda wieħed mit-tliet trattati li ħolqu l-Komunità Ekonomika Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar jew il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Barra minn hekk, minħabba l-għanijiet li llum jaf jidhru modesti tat-Trattat ta' Ruma, li essenzjalment ġie kklassifikat bil-mira li tintlaħaq l-integrazzjoni ekonomika [25], il-ġurisprudenza tal-bidu tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeterminat iċ-ċirkustanzi li fihom il-parteċipazzjoni f'komunità abbażi ta' reliġjon jew forma oħra ta' filosofija kienet taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi Komunitarja fuq bażijiet ekonomiċi biss.

47. Fid-deċiżjoni tagħha tal-1988 fil-kawża Steymann, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-KEE kien jiġbor fih il-parteċipazzjoni f'komunità bbażata fuq ir-reliġjon jew forma oħra ta' filosofija sa fejn tali parteċipazzjoni setgħet "titqies attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 2 tat-Trattat" [26], filwaqt li l-Avukat Ġenerali Slynn osserva, f'konklużjonijiet ippreżentati fl-istess sena fil-kawża Humbel u Edel, li l-ordnijiet reliġjużi "jipprovdu x-xogħol u jħallsu l-kontijiet għas-sħana u d-dawl" u li jistgħu wkoll "jippretendu korrispettiv għal ċerti servizzi". Madankollu, l-Avukat Ġenerali Slynn issottolinja li l-"problema reali hija jekk is-servizzi humiex forniti bħala parti minn attività ekonomika" [27].

48. Madankollu, id-dipendenza fuq l-integrazzjoni ekonomika sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza tal-Unjoni Ewropea naqset taħt emendi sussegwenti għat-Trattat [28], hekk li l-fatt ta' jekk organizzazzjoni reliġjuża hijiex involuta f'"attività ekonomika" mhux dejjem ser ikun rilevanti għall-porzjon sostantiv tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni. Pereżempju, tali organizzazzjonijiet iġġieldu restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu li kienu jaffettwaw l-interessi tagħhom li l-Istati Membri pprovaw jiġġustifikaw abbażi tal-ordni pubbliku [29], eżerċizzju li jista' jinvolvi l-kunsiderazzjoni ta' politiki ta' "natura etika u filosofika" [30]. Taħt il-qafas kostituzzjonali preżenti tal-Unjoni Ewropea, kemm l-organizzazzjonijiet reliġjużi [31] kif ukoll ir-rikorrenti individwali [32] jistgħu jinvokaw il-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 10 tal-Karta biex jikkontestaw id-dritt tagħhom għal libertà tar-reliġjon fir-rigward ta' atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, tad-dipartimenti u tal-organi tal-Unjoni [33] u dawk

25 Ara l-Artikolu 2 tat-Trattat KEE. Din id-dispożizzjoni saret l-Artikolu 2 KE u għandha tiġi kkomparata mal-lista ta' kompetenzi li issa huma elenkati fl-Artikolu 3 tat-TUE, li "jiffoka fuq miri mhux ekonomiċi f'firxa ħafna iktar wiesgħa mit-Trattat KE" [traduzzjoni libera]; ara Lenaerts, K., u Van Nuffel, P., *European Union Law*, Sweet and Maxwell, 2011, p. 107.

26 Sentenza tal-5 ta' Ottubru 1988, Steymann, 196/87, EU:C:1988:475, punt 9. Ara wkoll is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 1986, Van Roosmalen, 300/84, EU:C:1986:402.

27 Humbel u Edel, C-263/86, EU:C:1988:151, p. 5379. L-istess approċċ japplika għall-parteċipazzjoni fi sport u fir-rigward ta' stabbilimenti edukattivi. Ara, reċentement, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:135, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata.

28 Għal teħid inkunsiderazzjoni ara pereżempju. Konstadinides, T., *Division of Powers in European Union Law*, Wolters Kluwer, 2009, partikolarment Kapitolu 1 u p. 12. Lenaerts u van Nuffel, op. cit., p. 106 sa 111.

29 Pereżempju s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2000, Église de scientologie, C-54/99, EU:C:2000:124. Għal kritika dwar in-nuqqas ta' diskussjoni dwar il-libertà tar-reliġjon f'din il-kawża ara McCrea, op. cit., p. 188 sa 190. Ara wkoll is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 1974, Van Duyn, C-41/74, EU:C:1974:133.

30 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Van Gerven fil-kawża The Society for the Protection of Unborn Children Ireland, C-159/90, EU:C:1991:249, punt 26. Pereżempju s-sentenza tal-24 ta' Marzu 1994, Schindler, C-275/92, EU:C:1994:119, punt 60.

31 Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et*, C-426/16 (pendenti).

32 Sentenzi tal-14 ta' Marzu 2017, Bougnaoui u ADDH, C-188/15, EU:C:2017:204 u G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2017:203. Ara wkoll il-Kawża IR, C-68/17 (pendenti).

33 Pereżempju s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1976, Prais vs Il-Kunsill, 130/75, EU:C:1976:142.

tal-Istati Membri meta jimplementaw id-dritt tal-Unjoni[34], irrispettivament minn jekk tali miżuri humiex immirati biex jirregolaw l-attivitajiet ekonomiċi. L-istess japplika fil-każ ta' tilwimiet ta' natura orizzontali, bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn id-dritt ta' Stat Membru jrid jiġi interpretat konformement ma' direttiva, sa fejn dan ikun possibbli[35].

49. Għalhekk, minkejja l-argumenti magħmula mir-rappreżentant tal-Kummissjoni fis-seduta, jiena tal-fehma li huwa irrilevanti, għall-finijiet tad-domandi rrinvijati fil-kawża prinċipali, jekk il-konvenuta kinitx involuta f'attività ekonomika jew le meta hija tefgħet reklam għall-għajnuna fil-preparazzjoni tar-rapport dwar id-diskriminazzjoni razzjali, immirat biss għal applikanti prospettivi li kienu jappartjenu għal kategorija ddefinita ta' fidijiet Kristjani, u għażlet kandidat tkun minn waħda minn dawn il-kategoriji.

50. L-approċċ irrakkomandat mill-Kummissjoni tassew jaf iwassal għal tnaqqis indebitu tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 17 TFUE, hekk li l-istatus tal-knejjes, assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi u organizzazzjonijiet filosofiċi u dawk mhux konfessjonali jiġi rrikonoxxut biss taħt il-liġi nazzjonali meta dawn iwettqu attivitajiet ekonomiċi. Dan jaf ukoll inaqqas f'sens iktar wiesa' l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward ta' dawn l-organizzazzjonijiet f'mod li huwa inkonsistenti mal-paradigma moderna ta' kompetenzi tal-Unjoni Ewropea skont it-Trattati TUE u TFUE.

51. Pereżempju, organizzazzjoni reliġjuża li qiegħda tibni ċentru għall-qima fuq skala kbira għandha tiġi eżentata mir-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2001, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent[36], għas-sempliċi fatt li l-faċilità ma hijiex ser taqdi skop kummerċjali u ser tintuża esklużivament għall-qima, hekk li l-organizzazzjoni reliġjuża inkwistjoni ma għandhiex titqies li hija involuta f'attivitajiet ekonomiċi? Din id-domanda trid bilfors tiġi risposta fin-negattiv[37].

### *2. Regoli dwar l-applikazzjoni tal-Karta u l-kawża prinċipali*

52. Il-Karta għandha tiġi applikata fil-kawża prinċipali skont ir-regoli segwenti.

53. L-ewwel nett, kif stabbilit fil-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regoli tad-dritt sekondarju tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati f'konformità mad-drittijiet fundamentali[38]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li "id-dritt iggarantit fl-Artikolu 10(1) [tal-Karta] jikkorrispondi mad-dritt iggarantit fl-Artikolu 9 tal-KEDB u, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, huwa għandu l-istess sens u l-istess portata bħal dan"[39]. L-Artikolu 52(3) tal-Karta huwa intenzjonat li jiżgura l-konsistenza bejn id-drittijiet stabbiliti fil-Karta u d-drittijiet korrispondenti ggarantiti fil-KEDB, mingħajr ma tiġi affettwata b'mod negattiv l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u dik tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[40]. Konsegwentement, id-dritt tal-komunitajiet reliġjużi

34 Sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105 u tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund, C-682/15, EU:C:2017:373, punt 50.

35 Kif ġie stabbilit fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 1990, Marleasing, C-106/89, EU:C:1990:395. Ara l-punti 42 sa 44 iktar 'il fuq.

36 ĠU 2012 L 26, p. 1.

37 Hawnhekk, il-problema kkunsidrata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:496, hija differenti minn dik fil-kawża prinċipali. F'dak il-każ, il-kwistjoni ta' jekk l-organizzazzjoni reliġjuża rikorrenti kinitx involuta f'"attivitajiet ekonomiċi" kienet essenzjali sabiex jiġi ddeterminat jekk l-eżenzjoni mit-taxxa li kienet qiegħda titlob mill-Gvern Spanjol kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dak il-qasam sostantiv. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:135, punti 36 sa 60).

38 Sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 60.

39 Sentenzi tal-14 ta' Marzu 2017, Bougnaoui u ADDH, C-188/15, EU:C:2017:204, punt 29, u G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2017:203, punt 27. Ara wkoll l-ispjegazzjonijiet dwar l-Artikolu 10 tal-Karta (ĠU 2007 C 303, p. 17).

40 Sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, JZ, C-294/16 PPU, EU:C:2016:610, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll l-Artikolu 6(1) TUE.

bħall-konvenuta, għal eżistenza awtonoma, huwa ggarantit għal-"limitu minimu ta' protezzjoni"[41] stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan il-*forum externum* tal-libertà tar-reliġjon irid jiġi kkunsidrat fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 u tal-Artikolu 17 TFUE.

54. It-tieni nett, fl-istess waqt, peress li l-Artikolu 9 tal-KEDB jiggarantixxi wkoll il-*forum internum* tal-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin[42], li jinkludi l-libertà li persuna ma tkunx parti minn reliġjon[43], irid jittieħed kont dovut bl-istess mod tal-interpretazzjoni tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2000/78 fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li hija rilevanti għal din il-parti tal-Artikolu 9 tal-KEDB, sabiex jiġi ddeterminat jekk, bħala kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, ir-rikorrenti sofrietx diskriminazzjoni illegali jew jekk ġietx suġġetta għal inugwaljanza fit-trattament iġġustifikata[44]. Kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-konvenuta huma, ovvjament, intitolati għal rimedju effettiv biex jinfurzaw id-drittijiet rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 47 tal-Karta[45].

55. Dan iwassalni għat-tielet mod li bih il-Karta hija rilevanti għall-kawża prinċipali. Fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hemm integrat li fil-każ li jkun hemm kolliżjoni bejn, jew kompetizzjoni fost, id-drittijiet, hija l-funzjoni essenzjali tal-qrati li jwettqu eżerċizzju bir-reqqa tal-ibbilanċjar bejn l-interessi kunfliġġenti inkwistjoni[46]. L-istess approċċ irid jintuża bilfors sabiex tissolva t-tilwima fil-kawża prinċipali, fejn ma hemmx kunflitt dirett bejn individwu u l-Istat dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, iżda fejn tal-aħħar jipproteġi drittijiet kunfliġġenti[47].

56. Għalhekk, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jista' jitqies bħala l-manifestazzjoni leġiżlattiva fi ħdan l-Unjoni Ewropea tad-dritt tal-konvenuta għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni kif protett, fl-Artikoli 9 u 11 tal-KEDB, fejn il-frażi "meta jitqies l-ethos ta' l-organizzazzjoni" hija l-element ewlieni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 li għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2000/78 huma l-manifestazzjoni leġiżlattiva tad-dritt tar-rikorrenti li ma ssirx diskriminazzjoni kontriha abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin, kif protett bl-Artikoli 9 u 14 tal-KEDB, filwaqt li l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78 u l-mandat li jagħti lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri neċessarji, *inter alia*, "għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn" jimmarka l-eżerċizzju ta' bbilanċjar li l-qrati huma marbuta jwettqu meta kkonfrontati b'kompetizzjoni fost id-drittijiet[48].

41 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2017, Al Chodor, C-528/15, EU:C:2017:213, punt 37.

42 Sentenza tal-14 ta' Marzu 2017, G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2017:203, punt 28).

43 Ara, pereżempju, Qorti EDB, 6 ta' April 2017, Klein *et* vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2017:0406JUD001013811, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata. Talba sabiex din il-kawża tiġi appellata quddiem l-Awla Manja hija pendenti.

44 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott, G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2016:382, punt 25. L-approċċ tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward ta' limitazzjonijiet ġustifikati skont l-Artikolu 9(2) tal-KEDB jinkludi li jitqies jekk il-miżura kontenzjuża hijiex "meħtieġa f'soċjetà demokratika". F'dan il-kuntest, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tiddetermina jekk ir-raġunijiet mogħtija sabiex jiġġustifikaw id-differenza fit-trattament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin jidhrux rilevanti u suffiċjenti u proporzjonati għall-għan leġittimu segwit, filwaqt li tal-aħħar jinkludi eżerċizzju fejn jiġu ppeżati d-drittijiet u l-interessi ta' ħaddieħor kontra l-imġiba kkontestata. Ara l-punt 47 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston, Bougnaoui u ADDH, C-188/15, EU:C:2016:553, fejn ġiet iċċitata l-Qorti EDB, 15 ta' Frar 2001, Dahlab vs L-Iżvizzera, CE:ECHR:2001:0215DEC004239398.

45 Ara wkoll it-tieni paragrafu tal-Artikolu 19 TUE. Skont l-ispjegazzjonijiet li jakkumpanjaw il-Karta (ĠU 2007 C 303, p. 17), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta huwa bbażat fuq l-Artikolu 13 tal-KEDB, għalkemm taħt id-dritt tal-Unjoni l-protezzjoni mogħtija hija iktar estensiva. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB. Għal analiżi ddettaljati u reċenti ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:2) u Prechal, S., "The Court of Justice and Effective Judicial Protection: What has the Charter Changed?" f'Paulussen, C., Takács, T., Lazic, V. u Van Rompuy, B. (eds), *Fundamental Rights in International and European Law: Public and Private Law Perspectives*, T.M.C. Asser Press, 2016, p. 143. Reċentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-karatteristiċi ta' rimedji previsti f'direttiva "għandhom ikunu ddeterminati inkonformità mal-Artikolu 47 tal-Karta". Ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár, C-73/16, EU:C:2017:725, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll, Qorti EDB, 20 ta' Ottubru 2009, Lombardi Vallauri vs L-Italja, CE:ECHR:2009:1020JUD003912805, punti 66 sa 72.

46 Analiżi li tinvolvi l-ibbilanċjar ta' drittijiet li jikkompetu setgħet tiġi osservata partikolarment fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Marzu 2017, G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2017:203. Ara wkoll, pereżempju, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega, C-36/02, EU:C:2004:614. Quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ara iktar 'il quddiem il-punti 68 sa 75.

47 Jellinek, G., *System der subjektiven őffentlichen Rechte*, Mohr Siebeck, 1905, p. 125.

48 F'dan ir-rigward ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2011, Prigge *et*, C-447/09, EU:C:2011:573, punti 52 sa 64.

57. Ir-raba' nett, element ieħor tal-Artikolu 52(3) tal-Karta, flimkien mat-test tal-Artikolu 53 tal-Karta, huwa ċentrali għall-approċċ li għandu jitħaddem fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma fil-kawża prinċipali. L-Artikolu 52(3) jipprevedi, barra minn hekk, li din id-dispożizzjoni "ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva", filwaqt li l-Artikolu 53, intitolat "Il-livell ta' protezzjoni", jipprovdi *inter alia* li xejn fil-Karta "m'għandu jiġi interpretat bħala li jillimita jew li jolqot b'mod negattiv id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, mil-liġi ta' l-Unjoni [...] u mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri." [49]

58. F'dak li jirrigwarda l-"protezzjoni aktar estensiva" li l-Unjoni tista' tipprovdi skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, kif ser nuri fis-sezzjoni V(C) iktar 'il quddiem fir-risposta għall-ewwel domanda, dan jeħtieġ li jittieħed kont dovut ta' jekk l-Artikolu 17 TFUE u l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jikkostitwixxux każijiet fejn l-Unjoni għażlet li tipprovdi "protezzjoni aktar estensiva" minn dik ipprovduta fil-KEDB fir-rigward tal-iskala u tal-intensità ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet li fihom organizzazzjonijiet reliġjużi bħall-konvenuta jidhru li qed jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal awtonomija u awtodeterminazzjoni, filwaqt li t-tielet domanda tirrikjedi li ssir elaborazzjoni tal-fatturi li għandhom jiġu applikati minn qorti meta tkun qiegħda tibbilanċja d-dritt li ma ssirx diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, protett bl-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2000/78 [50], mad-dritt ta' organizzazzjonijiet reliġjużi għal awtodeterminazzjoni u awtonomija, irrikonoxxut fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78.

59. Fir-rigward tal-Artikolu 53 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kawża Melloni, li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata bħala li tfisser li l-applikazzjoni ta' standards tad-drittijiet fundamentali li jirriżultaw mill-ordinament kostituzzjonali ta' Stat Membru hija prekluża meta tikkompromettì "s-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni" fit-territorju ta' dak l-Istat [51].

60. Madankollu, dak huwa li qed titlob il-konvenuta mingħand il-qorti tar-rinviju nazzjonali; dan bilfors ikollu jwassal għal impatt kompromess tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq it-twemmin, iggarantita bl-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2000/78, flimkien ma' regoli rimedjali fformulati b'mod abbundanti u ċar f'dik id-direttiva [52], minħabba l-limitazzjonijiet imposti mid-dritt kostituzzjonali Ġermaniż, kif deskritt fid-deċiżjoni tar-rinviju, fuq l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju relatat ma' ġustifikazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet bħall-konvenuta għall-inugwaljanza fit-trattament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin fil-kuntest tar-relazzjonijiet ta' impjieg. Għalhekk għandu jiġi deċiż jekk dan l-arranġament huwiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni permezz tal-effetti magħquda tal-Artikolu 17 TFUE u tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78.

49 Ara wkoll l-Artikolu 52(4) tal-Karta.

50 Fil-punti 60 sa 67 tal-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Bougnaoui u ADDH, C-188/15, EU:C:2016:553, l-Avukat Ġenerali Sharpston ikkonstatat li l-protezzjoni kontra diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon għandha protezzjoni iktar qawwija fid-dritt tal-Unjoni milli fil-KEDB.

51 Sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża M.A.S. u M.B., C-42/17, EU:C:2017:564, punt 157 (is-sentenza għadha pendenti).

52 Ara l-Kapitolu II tad-Direttiva 2000/78, intitolat "Rimedji u eżekuzzjoni", li jiġbor fih, *inter alia*, l-Artikolu 9 dwar id-difiża ta' drittijiet u l-Artikolu 10 dwar l-oneru tal-prova. Huma rilevanti wkoll żewġ dispożizzjonijiet inklużi fil-Kapitolu IV intitolat "Dispożizzjonijiet finali", jiġifieri l-Artikolu 16 dwar il-konformità u l-Artikolu 17 dwar is-sanzjonijiet. Ara wkoll il-premessi 30 sa 32 u 35 tad-Direttiva 2000/78. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kuntest tad-Direttiva 2000/78, li l-persuni kollha li jqisu li sofrew dannu minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-konfront tagħhom għandhom ikunu "jistgħu jinvokaw id-drittijiet tagħhom quddiem qorti". Ara s-sentenza tad-19 ta' April 2012, Meister, C-415/10, EU:C:2012:217, punt 38.

### *3. L-istħarriġ ġudizzjarju tar-relazzjonijiet ta' impjieg u l-organizzazzjonijiet reliġjużi fil-Ġermanja*

61. Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi nnotat li quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġew ippreżentati deskrizzjonijiet inkonsistenti dwar il-kontenut tal-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (qorti kostituzzjonali federali) u dwar il-portata tar-restrizzjonijiet li hija timponi fuq l-istħarriġ ġudizzjarju ta' organizzazzjonijiet reliġjużi li jimpjegaw, bil-għan li jiġi ppreżervat id-dritt ekkleżjastiku tagħhom għal awtodeterminazzjoni skont l-Artikolu 137 tal-WRV u b'mod partikolari l-ewwel sentenza tal-Artikolu 137(3).

62. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, fil-kuntest ta' talba għad-danni bbażata fuq diskriminazzjoni fi proċess ta' ħatra/applikazzjoni, l-istħarriġ tal-plawżibbiltà jfisser li l-istandard stipulat mill-Knisja nnifisha ma għandux jiġi mistħarreġ, iżda minflok għandu sempliċement jiġi preżunt, sa fejn il-Knisja li timpjega tkun tista' targumenta b'mod plawżibbli li r-rekwiżit ta' reliġjon partikolari għall-ħatra huwa l-espressjoni tal-identità proprja tal-Knisja kif iddefinita mit-twemmin tagħha.

63. Madankollu, fis-seduta r-rappreżentant tal-Ġermanja enfasizza li l-Bundesverfassungsgericht (qorti kostituzzjonali federali) ma kinitx ħelset lill-knejjes li jimpjegaw minn kull tip ta' stħarriġ ġudizzjarju u kkontesta, f'dan ir-rigward, l-analiżi inkluża fid-deċiżjoni tar-rinviju[53]. Ir-rappreżentant tal-Ġermanja qal li l-qorti kostituzzjonali infatti kienet żviluppat stħarriġ b'żewġ stadji għal kunflitti tal-istess tip bħal dak fil-kawża prinċipali[54].

64. Ir-rappreżentant tal-Ġermanja qal li l-punt tat-tluq huwa li l-knejjes li jimpjegaw jistgħu jiddeċiedu huma stess liema attivitajiet jirrikjedu s-sħubija fir-reliġjon ikkonċernata għar-reklutaġġ f'impjieg, u l-istħarriġ tal-plawżibbiltà jappartjeni għall-ewwel stadju. Hawnhekk il-qrati industrijali Ġermaniżi jistgħu jevalwaw il-klassifikazzjoni li ġiet deċiża mill-Knisja li timpjega, għalkemm huma esklużi kwistjonijiet duttrinali bħall-interpretazzjoni tal-iskrittura. Imbagħad, fit-tieni stadju, il-qrati industrijali jistgħu jagħmlu evalwazzjoni globali fejn jibbilanċjaw l-interessi tal-Knisja u l-libertà tar-reliġjon ma xi drittijiet fundamentali kontrastanti tal-impjegat[55].

65. Ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Istati Membri fil-kuntest ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari[56]. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata bit-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni Ewropea u dawk nazzjonali, mill-kuntest fattwali u leġiżlattiv, kif deskritt fid-deċiżjoni tar-rinviju, li fih isiru d-domandi li ġew ippreżentati lilha[57]. Ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 17 TFUE u l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 kif ġie mitlub fl-ewwel u fit-tielet domanda, imbagħad hija l-qorti tar-rinviju nazzjonali li għandha tiddetermina jekk l-Artikolu 137 tal-WRV u l-Artikolu 9(1) tal-AGG jistgħux jiġu interpretati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u japplikaw ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tieni domanda jekk dan ma jkunx possibbli.

53 Intqal li s-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht (qorti kostituzzjonali federali) tat-22 ta' Ottubru 2014, 2 BvR 661/12, partikolarment il-punt 125 tagħha, hija ta' rilevanza f'dan ir-rigward.

54 Stħarriġ ġudizzjarju b'żewġ stadji jissemma fid-deċiżjoni tar-rinviju bħala forma ta' stħarriġ ġudizzjarju li ġie żviluppat mill-Bundesverfassungsgericht (qorti kostituzzjonali federali) fil-kuntest ta' tkeċċija u ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon u t-twemmin, iżda għadu ma ġiex deċiż jekk dawn ir-regoli għandhomx japplikaw għar-reklutaġġ.

55 Eżerċizzju ta' bbilanċjar huwa evidenti wkoll f'Qorti EDB, 3 ta' Frar 2011, Siebenhaar vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2011:0203JUD001813602, ara partikolarment il-punti 42 sa 47, u f'Qorti EDB, 23 ta' Settembru 2010, Obst vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2010:0923JUD000042503. L-argumenti magħmula minn Robbers op. cit., p. 136, jaqblu ma' dawk magħmula mir-rappreżentant tal-Ġermanja fis-seduta; Robbers jiċċita l-BVerfG tal-25 ta' Marzu 1980, BVerfG 53, 366, 400 *et seq*; BverfGE 53 tat-13 ta' Diċembru 1983, BVerfG 66, 1, 22; BVerfG tal-4 ta' Ġunju 1985, BVerfGE 70, 138, 167; u BVerfG tal-14 ta' Mejju 1986, BVerfGE 72, 278, 289. Ara wkoll Freiherr von Campenhausen, A. u de Wall, H., *Staatskirchenrecht* (Ir-Raba' Edizzjoni, Munich, C.H.Beck 2006) p. 107 sa 111.

56 Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, Kostov, C-62/12, EU:C:2013:391, punt 24.

57 *Ibid*, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata.

## C. Fuq l-ewwel domanda

66. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju nazzjonali tistaqsi jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 għandux jiġi interpretat fis-sens li persuna li timpjega, bħall-konvenuta fil-kawża prinċipali, jew inkella l-Knisja f'isimha, tista' tiddeċiedi hija stess, b'mod vinkolanti, li l-appartenenza ta' kandidat għal reliġjon speċifika tikkostitwixxi, minħabba n-natura tal-attivitajiet jew il-kuntest li fih huma eżerċitati, rekwiżit professjonali ġenwin, leġittimu u ġġustifikat fid-dawl tal-etos tal-konvenuta.

67. L-ewwel ser issir analiżi tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li hija rilevanti għal-limitazzjonijiet fuq l-istħarriġ ġudizzjarju meta jkun hemm kompetizzjoni bejn id-dritt ta' organizzazzjonijiet reliġjużi għal awtonomija, kif protett bl-Artikoli 9 u 11 tal-KEDB, u xi dritt ieħor li huwa wkoll iggarantit mill-KEDB, bħad-dritt għal privatezza fl-Artikolu 8. Imbagħad ser jiġi analizzat l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 sabiex jiġi ddeterminat jekk jipprovdix protezzjoni iktar estensiva tad-dritt ta' organizzazzjonijiet reliġjużi għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 52(3) tal-Karta, fir-rigward tal-iskala u l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' organizzazzjonijiet reliġjużi li jinvokaw dan id-dritt f'relazzjonijiet ta' impjieg. It-tielet nett ser jiġi eżaminat l-Artikolu 17 TFUE bl-istess għan.

### *1. Ir-restrizzjonijiet skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fuq l-istħarriġ ġudizzjarju ta' organizzazzjonijiet reliġjużi li jimpjegaw*

68. Jiena tal-fehma li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma ssostnix restrizzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-portata deskritta fl-ewwel domanda.

69. F'deċiżjonijiet fejn l-istħarriġ ġudizzjarju ta' allegat ksur ta' dritt taħt il-KEDB ġie limitat skont il-liġi ta' parti kontraenti għal raġunijiet marbuta mal-awtonomija ta' organizzazzjonijiet reliġjużi, kemm jekk dan sarx b'regola kostituzzjonali jew b'mod ieħor, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonfermat li l-parametri ta' stħarriġ ġudizzjarju pprovduti minn Stat parti jridu xorta waħda jkunu suffiċjenti sabiex jiġi ddeterminat jekk drittijiet oħra protetti mill-KEDB ġewx irrispettati. L-eżerċizzju ta' bbilanċjar li huwa applikabbli f'dan ir-rigward ma huwiex imsejjes fuq jekk it-tilwima tikkonċernax reklutaġġ jew tkeċċija, bl-istess mod bħalma l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/78, li jindika l-għan tad-direttiva, ma jagħmel l-ebda tali distinzjoni.

70. Pereżempju, il-kawża Fernández Martínez vs Spanja [58] kienet tikkonċerna l-affermazzjoni tad-dritt għal ħajja privata u tal-familja skont l-Artikolu 8 tal-KEDB minn għalliem li kien ilu jgħallem ir-reliġjon Kattolika fi skola sekondarja għal seba' snin, li kien impjegat u mħallas minn awtorità tal-Istat Spanjol u li l-kuntratt tiegħu ma ġiex imġedded meta l-istatus personali tiegħu bħala qassis miżżewweġ sar magħruf mill-pubbliku. F'każ fejn inkwistjoni kien hemm l-approċċ tal-Tribunal Constitucional (qorti kostituzzjonali Spanjola) fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju fid-dawl tad-dritt fundamentali tal-Knisja Kattolika għal libertà tar-reliġjon fid-dimensjoni kollettiva u komunitarja tagħha, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonstatat dan li ġej, f'paragrafu intitolat "Limiti għall-awtonomija [ta' organizzazzjonijiet reliġjużi]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]:

"sempliċi allegazzjoni minn komunità reliġjuża li hemm theddida vera jew potenzjali għall-awtonomija tagħha ma hijiex biżżejjed sabiex kull interferenza fid-drittijiet tal-membri tagħha għar-rispett tal-ħajja privata jew tal-familja tagħhom issir kompatibbli mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Addizzjonalment, il-komunità reliġjuża inkwistjoni trid turi wkoll li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ individwali, ir-riskju allegat huwa probabbli u sostanzjali u li l-interferenza kontenzjuża fid-dritt għar-rispett tal-ħajja privata ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-eliminazzjoni ta' dan ir-riskju u ma sservix fini oħra mhux relatata mal-eżerċizzju tal-awtonomija tal-komunità reliġjuża. Lanqas ma

58 Qorti EDB, 12 ta' Ġunju 2014, CE:ECHR:2014:0612JUD005603007.

għandha taffettwa s-sustanza tad-dritt għal ħajja privata u tal-familja. *Il-qrati nazzjonali jridu jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfatti billi jwettqu eżami fil-fond taċ-ċirkustanzi tal-każ u eżerċizzju ta' bbilanċjar bir-reqqa bejn l-interessi kunfliġġenti inkwistjoni*" [59] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

71. Għalhekk, naqbel mal-fehma li jekk komunità jew organizzazzjoni reliġjuża tonqos milli turi b'mod konvinċenti li l-interferenza mill-Istat, li fil-kawża prinċipali tieħu s-sura tal-applikazzjoni mill-qorti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea dwar l-ugwaljanza fit-trattament, thedded serjament l-awtonomija tagħha, din ma tistax titlob lill-Istat biex iżomm milli jirregola, permezz tal-leġiżlazzjoni tiegħu, l-attivitajiet rilevanti ta' dik il-komunità. F'dan ir-rigward, il-komunitajiet reliġjużi ma jistgħux ikunu immuni għall-ġurisdizzjoni tal-Istat [60].

72. Tabilħaqq, fil-kawża Schüth vs Il-Ġermanja [61], fejn kemm l-Artikolu 9(1) tal-AGG kif ukoll l-Artikolu 137 tal-WRV kienu rilevanti għat-tilwima inkwistjoni, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonstatat li l-Ġermanja kienet naqset milli tosserva l-obbligi pożittivi tal-Artikolu 8 KEDB, jiġifieri d-dritt għal ħajja privata u tal-familja, fil-konfront ta' organista u surmast tal-kor tal-knisja parrokkjali kattolika ta' San Lambertu f'Essen, li tkeċċa mil-pożizzjoni tiegħu għax kellu relazzjoni barra ż-żwieġ li pproduċiet tarbija. Ġie kkonstatat li l-Ġermanja kisret l-Artikolu 8 tal-KEDB minħabba l-kwalità tal-istħarriġ ġudizzjarju pprovdut mill-qorti industrijali nazzjonali.

73. Fil-kawża Schüth il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem innotat li l-qosor tar-raġunament tal-qorti tal-appell industrijali nazzjonali fir-rigward tal-konklużjonijiet li għandhom jinsiltu mill-imġiba tar-rikorrent [62], u li għalhekk l-interessi tal-Knisja li timpjega ma ġewx ibbilanċjati mad-dritt tar-rikorrent għall-ħajja privata u tal-familja kif iggarantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni [63].

74. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem innotat li l-qorti tal-appell industrijali ma eżaminatx il-kwistjoni tal-prossimità bejn l-attività tar-rikorrent u l-missjoni proklamatorja tal-Knisja, iżda minflok jidher li sempliċement irriproduċiet l-opinjoni esposta f'dan ir-rigward mill-Knisja li timpjega, mingħajr verifika addizzjonali. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li filwaqt li kien minnu li, skont il-KEDB, persuna li timpjega li l-etos tagħha huwa bbażat fuq ir-reliġjon jew fuq twemmin filosofiku tista' timponi dmir speċifiku ta' lealtà fil-konfront tal-impjegati tagħha, deċiżjoni ta' tkeċċija bbażata fuq ksur ta' dan id-dmir ma tistax tiġi suġġetta biss, abbażi tad-dritt għal awtonomija tal-persuna li timpjega, għal skrutinju ġudizzjarju limitat mill-qorti industrijali domestika rilevanti mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-pożizzjoni inkwistjoni u mingħajr ma jsir ibbilanċjar xieraq tal-interessi involuti f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità [64].

75. Konsegwentement, kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB, minħabba n-nuqqas tal-Ġermanja li tosserva l-obbligu pożittiv tagħha msemmi qabel.

### *2. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78*

#### *(a) Rimarki ta' introduzzjoni*

76. Hawnhekk nixtieq nagħmel żewġ kummenti preliminari.

59 *Ibid*, punt 132 (enfasi tiegħi) u l-ġurisprudenza ċċitata.

60 Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2015, Károly Nagy vs L-Ungerija, CE:ECHR:2015:1201JUD005666509, punt 15 tal-opinjonijiet kuntrarji konġunti tal-imħallfin Sajó, Vučinić u Kūris. Fl-14 ta' Settembru 2017, l-applikazzjoni f'din il-kawża ġiet iddikjarata inammissibbli mill-Awla Manja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għal raġunijiet fattwali li ma humiex ta' rilevanza għall-kawża prinċipali. Ara CE:ECHR:2017:0914JUD005666509.

61 Qorti EDB, 23 ta' Settembru 2010, CE:ECHR:2010:0923JUD000162003.

62 *Ibid*, punt 66.

63 *Ibid*, punt 67.

64 *Ibid*, punt 69.

77. L-ewwel nett, is-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali hija waħda li tikkonċerna diskriminazzjoni diretta bbażata fuq it-twemmin tar-rikorrenti, jew tan-nuqqas ta' fidi konfessjonali tagħha. Diskriminazzjoni diretta sseħħ fejn, minħabba t-twemmin tagħha, persuna waħda tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi ttrattata, ġiet ittrattata jew kieku tiġi ttrattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli[65]. Għalhekk, diskriminazzjoni diretta tinħoloq meta miżura allegatament diskriminatorja "tkun marbuta b'mod inseparabbli mar-raġuni għal differenza fit-trattament inkwistjoni"[66].

78. Għalhekk, b'kuntrast għall-kawżi reċenti fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tevalwa kompetizzjoni orizzontali bejn il-libertà tar-reliġjon, fil-kuntest ta' diskriminazzjoni indiretta, u dritt fundamentali ieħor, b'mod partikolari l-libertà tal-intrapriża[67], l-Artikolu 2(2)(b)(i) tad-Direttiva 2000/78 ma huwiex disponibbli għall-konvenuta bħala ġustifikazzjoni għal inugwaljanza fit-trattament. Dan jipprevedi li diskriminazzjoni indiretta ma titqiesx li seħħet jekk id-dispożizzjoni, il-kriterju jew il-prattika rilevanti hija oġġettivament iġġustifikata minn għan leġittimu u jekk il-mezzi għall-ilħuq ta' dan l-għan huma xierqa u neċessarji. Peress li l-kawża prinċipali tikkonċerna diskriminazzjoni diretta, l-uniċi ġustifikazzjonijiet disponibbli għall-konvenuta huma dawk ipprovduti fid-Direttiva 2000/78[68]. Il-ġustifikazzjonijiet rilevanti għall-kawża prinċipali huma l-Artikoli 4(2) u 2(5) tad-Direttiva 2000/78[69], kif interpretati fid-dawl tad-dritt primarju tal-Unjoni, u notevolment l-Artikolu 17 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta[70].

79. It-tieni nett, għalkemm naċċetta li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, bħall-Artikoli 4(1) u 2(5) tal-istess direttiva, huwa deroga mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li għandha tiġi interpretata b'mod strett[71], il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tat-test tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78 ma tistax tiġi applikata għall-interpretazzjoni tat-test tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78. Tal-aħħar huwa regola speċjali li ġiet żviluppata biex tittratta s-sitwazzjoni speċifika fejn organizzazzjonijiet reliġjużi koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/78, jistgħu japplikaw inugwaljanza fit-trattament b'mod legali. Dan wassal għall-promulgazzjoni ta' paragrafu li ftit jixbah lill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78 u konsegwentement ġurisprudenza li ma hijiex adattata għall-interpretazzjoni tat-test tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78.

80. Pereżempju, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 ma jagħmilx riferiment għal "karatteristiċi" relatati mat-twemmin reliġjuż, u l-iffokar fuq il-"karatteristiċi" kien essenzjali għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78[72]. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78 jirreferi għal rekwiżiti professjonali "ġenwin[i] u determinanti" u espliċitament jissuġġetta limitazzjoni fid-differenza

65 L-Artikolu 2(2)(a) flimkien mal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78.

66 Punt 44 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2016:382, u l-kawżi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25 tal-istess konklużjonijiet. Fis-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, *Feryn*, C-54/07, EU:C:2008:397, il-qorti tal-Ġustizzja qieset li kien hemm diskriminazzjoni diretta fil-kuntest ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula mill-persuna li timpjega li kienet qed tirrekluta.

67 Sentenzi tal-14 ta' Marzu 2017, G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2017:203 u Bougnaoui u ADDH, C-188/15, EU:C:2017:2014.

68 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Bougnaoui u ADDH, C-188/15, EU:C:2016:553, punt 63. Ara wkoll is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2010, *Kleist*, C-356/09, EU:C:2010:703, punti 41 u 42.

69 L-Artikolu 52(1) tal-Karta ma huwiex applikabbli għall-proċeduri fil-kawża prinċipali għaliex dan jispiċċa jwessa l-ġustifikazzjonijiet disponibbli għal diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjoni u t-twemmin lil hinn minn dawk disponibbli skont id-Direttiva 2000/78, jiġifieri l-Artikoli 2(5) u 4(2). Dan ikun inkonsistenti mal-Artikolu 53 tal-Karta, li jipprevedi li xejn "f'din il-Karta m'għandu jiġi interpretat bħala li jillimita jew li jolqot b'mod negattiv id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti […] mil-liġi ta' l-Unjoni".

70 Għalhekk, ma huwiex neċessarju li nikkunsidra, kif ġie argumentat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Irlanda, jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jipprovdix il-ġustifikazzjoni applikabbli kemm għad-diskriminazzjoni diretta kif ukoll indiretta bbażata fuq ir-reliġjon u t-twemmin f'dak li jirrigwarda "attivitajiet tax-xogħol […] [f']organizzazzjonijiet […] li l-ethos tagħhom huwa bbażat fuq reliġjon jew twemmin".

71 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2011, Prigge *et*, C-447/09, EU:C:2011:573, punt 72, fir-rigward tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78 u punt 56 fir-rigward tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78; tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez, C-416/13, EU:C:2014:2371, punt 47, fir-rigward tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78. Ara, b'mod ġenerali, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2000, Kreil, C-285/98, EU:C:2000:2, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata, b'tali mod li derogi minn drittijiet individwali previsti f'direttivi dwar trattament ugwali għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta.

72 Kif ġie enfasizzat fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2016:382, u l-kawżi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35 tal-istess konklużjonijiet.

fit-trattament minħabba r-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78 għal għanijiet leġittimi u rekwiżiti proporzjonati. Madankollu, l-Artikolu 4(2) jirreferi għal "rekwiżit ġenwin, leġittimu u ġġustifikat tax-xogħol meta jitqies l-ethos ta' l-organizzazzjoni" u ma jagħmilx riferiment dirett għall-prinċipju ta' proporzjonalità (ara s-sezzjoni V. D. iktar 'il quddiem).

### *(b) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 isostni restrizzjonijiet kostituzzjonali minn Stat Membru fuq l-istħarriġ ġudizzjarju?*

#### *(1) Formulazzjoni*

81. Nirrikonoxxi li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jirreferi għad-dritt tal-Istati Membri b'żewġ modi [73]. L-ewwel nett, jirreferi għaż-żamma tal-leġiżlazzjoni u l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tinkorpora prattiki nazzjonali eżistenti fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva 2000/78.

82. Filwaqt li dan jiġbor fih kemm l-Artikolu 137 tal-WRV u l-Artikolu 9(1) tal-AGG, ma nistax naċċetta li dan ifisser li l-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (qorti kostituzzjonali federali) li tinterpreta dawn il-miżuri ġiet iffriżata fil-mument tal-adozzjoni tad-Direttiva 2000/78. Tali interpretazzjoni tkun inkonsistenti mal-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, li huwa limitat għal *leġiżlazzjoni*, u l-obbligu tal-qrati tal-Istati Membri biex jibdlu ġurisprudenza stabbilita, fejn neċessarju, jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li hija inkompatibbli mal-għanijiet tad-Direttiva [74].

83. It-tieni nett, fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 hemm previst li d-differenza fit-trattament indirizzata f'dik id-dispożizzjoni għandha tiġi implementata *b'teħid inkunsiderazzjoni* tad-dispożizzjonijiet u tal-prinċipji kostituzzjonali tal-Istati Membri (ara wkoll l-Artikolu 52(4) tal-Karta fir-rigward tat-tradizzjonijiet kostituzzjonali *komuni għall-Istati Membri*) [75]. Madankollu, il-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 tonqos milli ssostni l-kontrazzjoni tar-rwol tal-qrati fl-istħarriġ tagħhom tal-invokar minn organizzazzjoni reliġjuża tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, speċjalment fl-assenza ta' riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri f'dik id-dispożizzjoni "sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha" [76]. Inkwantu tali, il-limitazzjoni pprovduta fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 għandha tingħata tifsira awtonoma, li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest ta' dik id-dispożizzjoni u l-għan imfittex mid-Direttiva 2000/78 [77].

#### *(2) Kuntest u skop*

84. Addizzjonalment, l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78 jindika li l-qrati għandhom rwol li jwettqu eżerċizzju ta' bbilanċjar, wieħed li għandu jsir fid-dawl tal-fatt li l-għan tad-Direttiva 2000/78, kif stabbilit fil-premessa 37 tiegħu, huwa l-kreazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea ta' "kamp ekwu fir-rigward ta' l-ugwaljanza fl-impjieg u fix-xogħol", b'attenzjoni xierqa mogħtija lill-"istatus" ta' organizzazzjonijiet reliġjużi fid-dritt tal-Istati Membri, kif ġie elaborat fil-premessa 24 tad-Direttiva 2000/78 u fl-Artikolu 17 TFUE [ara s-sezzjoni V(C)(3). iktar 'il quddiem].

73 Fuq il-prinċipji li jirregolaw l-interpretazzjoni ta' miżuri tal-Unjoni Ewropea, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Pinckernelle, C-535/15, EU:C:2016:996, punti 34 sa 70).

74 Sentenza tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata.

75 Enfasi tiegħi.

76 Sentenza tal-1 ta' Diċembru 2016, Daouidi, C-395/15, EU:C:2016:917, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata.

77 *Ibid.*

*(3) Oriġini*

85. Finalment, ma rnexxieli nidentifika xejn fix-xogħol preparatorju għall-Artikolu 4(2) insostenn ta' rwol tad-dritt kostituzzjonali ta' Stat Membru fuq l-iskala msemmija mill-konvenuta. Pereżempju, ma hemm l-ebda proposta speċifika, u wisq inqas ftehim, għall-adozzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni fid-Direttiva 2000/78 li għandha l-għan li jinkiseb infurzar ġudizzjarju rigoruż tad-Direttiva 2000/78 [78] b'rispett għal standards tal-istħarriġ ġudizzjarju stabbiliti fid-dritt kostituzzjonali nazzjonali [79]. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-regoli importanti dwar l-oneru tal-prova inklużi fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2000/78 ma għandhomx japplikaw meta jkun ikkonċernat l-Artikolu 4(2) tal-istess direttiva [80]. Ma hemm xejn li jissuġġerixxi l-adozzjoni ta' regoli speċjali bħal dawk li japplikaw taħt l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/78 fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq u d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon, jew l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/78 dwar il-ġustifikazzjoni għal differenzi fit-trattament ibbażata fuq l-età, jew l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2000/78 u l-preklużjoni prevista fih ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà u l-età b'rabta mal-forzi armati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 [81].

86. Madankollu, nirrikonoxxi li, fil-proċess tal-abbozzar l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 kien is-suġġett ta' diversi emendi [82], l-istess bħal fil-każ tan-nuqqas ta' qbil dwar it-test tal-Artikolu 17 TFUE matul il-Konvenzjoni li wasslet għall-adozzjoni tat-Trattat li Jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa [83] (ara wkoll is-sezzjoni V(C)(3) iktar 'il quddiem). Minn dan jaf jiġi dedott li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' taħt l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 fir-rigward ta' attivitajiet professjonali li għalihom ir-reliġjon jew it-twemmin jammontaw għal rekwiżiti professjonali ġenwini, leġittimi u ġġustifikati fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet jew tal-kuntest li fih jitwettqu [84], iżda li dejjem huwa suġġett għall-interpretazzjoni mogħtija lil dik id-dispożizzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, ma nista' nikkonkludi xejn iżjed mix-xogħol preparatorju li jirrifletti n-negozjati diffiċli li fl-aħħar mill-aħħar wasslu għall-adozzjoni ta' test ta' kompromess, li parzjalment huwa dovut għan-nuqqas ta' qbil dwar il-kontenut tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 [85].

78 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 52 iktar 'il fuq.

79 Proposta min-naħa tal-Ġermanja biex fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jsir riferiment għal knejjes li jgawdu minn protezzjoni speċjali taħt il-kostituzzjoni Ġermaniża ma ġietx adottata. Ara l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Eżitu tal-ħidmiet tal-grupp ta' esperti dwar kwistjonijiet soċjali, tat-18 ta' Lulju 2000, 10254/00 (27 ta' Lulju 2000), SOC 250 ĠAI 77, p. 14, nota ta' qiegħ il-paġna 19.

80 Fuq it-trasferiment tal-oneru tal-prova għal fuq il-konvenut (a) ladarba qorti ta' Stat Membru tikkonkludi li hemm preżunzjoni ta' diskriminazzjoni, ara, pereżempju, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, FOA, C-354/13, EU:C:2014:2463, punt 63.

81 Ara s-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid, C-484/08, EU:C:2010:309, punt 40, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288) ma jistax jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw regoli iktar stretti minn dawk ipprovduti mid-direttiva nnifisha, bil-kundizzjoni li dawn jitfasslu sabiex jagħtu lill-konsumaturi livell ogħla ta' protezzjoni.

82 Għal rekord tal-proposti u tal-kontroproposti meħuda inkunsiderazzjoni fil-Kunsill ara http://www.consilium.europa.eu/register/en/content/int/?lang=EN&typ=ADV, Interinstitutional File: 1999/0225 (CNS). Filwaqt li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 kien jifforma parti mill-proposta inizjali tal-Kummissjoni għal leġiżlazzjoni (COM (1999) 0565 finali, ĠU 2000, C 177E, p. 42), meta ġie ppreżentat, kien is-suġġett ta' mhux inqas minn disa' abbozzi u diversi riżervi ta' skrutinju u proposti għal modifiki. L-abbozzi kollha, madankollu, kienu jirrigwardaw attivitajiet ta' xogħol relatati ma attivitajiet reliġjużi. Iżda ara r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tal-Kummissjoni A5-0264/2000 tal-21 ta' Settembru 2000 fil-paġna 24. "L-intenzjoni hija li t-test jitwessa biex ikopri l-attivitajiet "soċjali" estiżi ta' organizzazzjonijiet reliġjużi filwaqt li jiġi limitat għal personal involute direttament f'iggwidar ideoloġiku (jiġifieri mhux receptionists jew purtinari). Dan jagħmilha wkoll ċar li l-eżenzjoni għandha tapplika biss għat-twemmin reliġjuż u mhux, pereżempju, għall-orjentazzjoni sesswali".

83 Iffirmat f'Ruma fid-29 ta' Ottubru 2004 (ĠU 2004 C 310, p. 1).

84 Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2010, Ingeniørforeningen i Danmark, C-499/08, EU:C:2010:600, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat, fil-kuntest ta' tilwima li tikkonċerna d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, li l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla tal-miżuri li jistgħu jilħqu l-għanijiet tagħhom fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg, iżda li l-effett ta' dik id-diskrezzjoni ma jistax ikun li jiġi mxekkel il-prinċipju ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

85 Abbozz tal-minuti (ippubblikat fl-1 ta' Frar 2001) tal-Laqgħa tal-Kunsill 2296 (Impjiegi u Politika Soċjali) miżmuma fil-Lussemburgu fis-17 ta' Ottubru 2000, 12458/00, PV/CONS 61 SOC 363, p. 4 u l-istqarrija għall-istampa tas-17 ta' Ottubru 2000 dwar il-Laqgħa tal-Kunsill 2296, 12125/00 (stqarrija 378).

87. Għalhekk, wasalt għall-konklużjoni li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 nnifsu jistabbilixxi, fl-ewwel subparagrafu tiegħu, il-parametri għall-istandard tal-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jiġi applikat meta organizzazzjoni reliġjuża tkun is-suġġett ta' kritika talli adottat il-pożizzjoni li l-inugwaljanza fit-trattament ibbażata fuq it-twemmin ma tammontax għal diskriminazzjoni illegali. Jiġifieri, fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet inkwistjoni jew tal-kuntest li fih dawn jitwettqu, ir-reliġjon jew it-twemmin ta' persuna jikkostitwixxu rekwiżit professjonali ġenwin, leġittimu u ġġustifikat, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-etos tal-organizzazzjoni? Ser nistabbilixxi r-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni fir-risposta tiegħi għat-tielet domanda.

### *3. L-Artikolu 17 TFUE*

88. Meta tkun meħtieġa interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt sekondarju, sa fejn huwa possibbli, għandha tingħata preferenza lil dik l-interpretazzjoni li tirrendi d-dispożizzjoni konformi mat-Trattat u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni [86]. Għaldaqstant, l-Artikolu 17 TFUE huwa direttament rilevanti għall-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78. Dan espost, fil-fehma tiegħi l-impatt tal-Artikolu 17 TFUE fuq l-identità kostituzzjonali tal-Unjoni Ewropea huwa iktar imtaffi milli argumentat mill-konvenuta.

89. L-arkitettura kostituzzjonali usa' tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment il-profondità tal-impenn tagħha li tħares id-drittijiet fundamentali, tipprekludi interpretazzjoni tal-Artikolu 17(1) TFUE fejn l-Unjoni "tirrispetta u ma tippreġudikax l-istatus li jgawdu minnu, taħt il-liġi nazzjonali, il-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri" fis-sitwazzjonijiet kollha konċepibbli, u b'mod partikolari jekk l-istatus mogħti lil tali organizzazzjonijiet mil-liġi tal-Istati Membri jonqos milli jiggarantixxi d-drittijiet fundamentali tagħhom.

90. Dan huwa konformi mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa neċessarju li jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din tal-aħħar, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet mixtieqa mil-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha [87].

91. Tabilħaqq, il-livell minimu ta' protezzjoni ggarantit mill-Artikolu 52(3) tal-Karta, b'riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tad-dritt tal-organizzazzjonijiet reliġjużi għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni, għandu konsegwenza ta' importanza fundamentali għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 17 TFUE. Għalkemm l-Artikolu 17(1) TFUE jipprevedi li l-Unjoni "tirrispetta u ma tippreġudikax l-istatus li jgawdu minnu, taħt il-liġi nazzjonali, il-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri", dan ma jistax ifisser li r-regoli li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-awtonomija tal-knejjes u ta' organizzazzjonijiet reliġjużi oħra, li ġew żviluppati taħt l-awspiċji tal-Artikoli 9 u 11 tal-KEDB [u li ser jiġu spjegati fid-dettall iktar 'il quddiem fis-sezzjoni V(D)] jistgħu sempliċement jitwarrbu fil-każ ta' *tnaqqis*, fid-dritt ta' Stat Membru, tal-istatus tal-knejjes, assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi, jew organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali, għalkemm it-test tal-Artikolu 17(1) u (2) TFUE, moqri waħdu, jaf jissuġġerixxi li dan huwa l-każ.

92. Jekk dan ikun il-każ, kemm il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll il-qrati tal-Istati Membri jkollhom, skont l-obbligi li għalihom huma suġġetti taħt l-Artikolu 47 tal-Karta u skont l-Artikolu 19 TUE u d-dmir li dan jimponi fuq l-Istati Membri biex jipprovdu r-"rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni" [88], ikomplu jinfurzaw, fil-kamp ta' applikazzjoni

86 Sentenza tal-1 ta' April 2004, Borgmann, C-1/02, EU:C:2004:202, punt 30.

87 Sentenza tas-27 ta' April 2017, Pinckernelle, C-535/15, EU:C:2017:315, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata.

88 Il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement ikkonstatat li għall-Artikolu 47 tal-karta "jikkorrespondi l-obbligu tal-Istati Membri stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jistabbilixxu r-rimedji meħtieġa sabiex jiżguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni". Ara l-punt 70 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża El Hassani, C-403/16, EU:C:2017:659 (sentenza pendenti), li jiċċita s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund, C-682/15, EU:C:2017:373, punt 44.

tad-dritt tal-Unjoni, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon kif stabbiliti fl-Artikolu 10 tal-Karta, u tassew il-libertà ta' assoċjazzjoni skont l-Artikolu 12 tal-Karta[89], konformement mad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-livell ta' protezzjoni pprovdut fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-awtonomija ta' organizzazzjonijiet reliġjużi. Kif issemma fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni, "f'Unjoni ta' dritt, huma l-qrati ta' din tal-aħħar li għandhom jiżguraw l-osservanza" tad-dritt tal-Unjoni[90].

93. Fi kliem ieħor, fil-fehma tiegħi jkun żball li l-Artikolu 17(1) u (2) TFUE jiġi interpretat bħala xi tip ta' *meta* prinċipju tad-dritt kostituzzjonali[91] li jobbliga lill-Unjoni biex tirrispetta l-istatus, taħt id-dritt ta' Stat Membru, tal-knejjes, tal-assoċjazzjonijiet jew tal-komunitajiet reliġjużi u tal-organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali, ikunu x'ikunu ċ-ċirkustanzi. Tali approċċ ikun inkonsistenti ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt primarju tal-Unjoni, bħall-mekkaniżmu pprovdut fl-Artikolu 7 TUE li jittratta "riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru" tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea, kif stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll l-Artikolu 10 TFUE u l-għanijiet tal-Unjoni Ewropea fid-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet tagħha, kif ukoll l-Artikoli 22 u 47 tal-Karta, fejn l-ewwel wieħed isostni l-pluraliżmu u l-ieħor jirrifletti l-prinċipju ġenerali ta' dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fil-każ tal-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni. Din ir-regola ġiet inkorporata fid-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-ewwel darba fil-kuntest ta' tilwima dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza fit-trattament[92].

94. Nirrikonoxxi li jista' jiġi argumentat li l-Artikolu 5 TUE u r-riferiment tiegħu għas-"sussidjarjetà" huwa insostenn ta' kompetenza esklużiva f'idejn l-Istati Membri fir-rigward tal-iskala u l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti ta' organizzazzjonijiet reliġjużi li jiddiskriminaw abbażi tar-reliġjon u tat-twemmin fir-rigward tar-relazzjonijiet ta' impjieg, u li l-Artikolu 4(2) TUE jissottolinja l-obbligu tal-Unjoni Ewropea li tirrispetta l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-istrutturi politiċi u kostituzzjonali fundamentali tagħhom.

95. Madankollu, naqbel ukoll li, filwaqt li l-Artikolu 17 TFUE jikkomplementa u jagħti effett speċifiku lill-Artikolu 4(2) TUE[93], minn din l-aħħar dispożizzjoni waħedha "ma jistax jiġi konkluż li ċerti materji jew oqsma ta' attività jkunu eliminati kompletament mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78. [H]ija pjuttost l-*applikazzjoni* ta' din id-direttiva li ma tistax tippreġudika l-identità nazzjonali tal-Istati Membri. B'hekk, l-identità nazzjonali, bħala tali, ma tirrestrinġix il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, iżda għandha tittieħed inkunsiderazzjoni kif dovut fl-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li hija tipprevedi kif ukoll tal-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe differenza fit-trattament"[94]. Il-protezzjoni inerenti fl-Artikolu 4(2) TUE tiġbor taħtha oqsma bħal ma huma t-tqassim tal-kompetenzi bejn il-korpi kostitwenti tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri, bħal *Länder*[95].

89 L-Artikolu 11 tal-KEDB huwa d-dispożizzjoni paralleli għall-Artikolu 12 tal-Karta. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonstatat li meta tkun ikkonċernata l-organizzazzjoni ta' komunità reliġjuża, l-Artikolu 9 tal-KEDB għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 11 tal-KEDB dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni. Ara, pereżempju, Qorti EDB, tad-9 ta' Lulju 2013, Sindicatul "Păstorul cel Bun" vs Ir-Rumanija, CE:ECHR:2013:0709JUD000233009, punt 136.

90 Sentenza tal-21 ta' Settembru 2016, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-140/15 P, EU:C:2016:708, punt 117.

91 Ara "Introduction" ta' Larry Alexander f'Alexander, L. (ed), *Constitutionalism:Philosophical Foundations* (Cambridge University Press, 1998) p. 1, u d-diskussjoni fil-paġni 2 sa 4 dwar id-distinzjoni bejn il-metakostituzzjoni, li l-elementi tagħha huma relattivament fissi (pereżempju s-separazzjoni tas-setgħat) u l-kostituzzjoni simbolika, li l-kontenut tagħha jista' jinbidel mingħajr bdil fil-metakostituzzjoni.

92 Sentenza tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston, 222/84, EU:C:1986:206. Ara iktar reċentement, pereżempju, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, Agrokonsulting-04, C-93/12, EU:C:2013:432, punt 59.

93 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:135, punt 31).

94 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2016:382, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara, ġeneralment, dwar l-Artikolu 4(2) TUE, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Remondis, C-51/15, EU:C:2016:985, punt 40 u tat-2 ta' Ġunju 2016, Bogendorff von Wolffersdorff, C-438/14, EU:C:2016:401, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata.

95 Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, *Digibet*, C-156/13, EU:C:2014:1756, punt 34.

96. Għalhekk, ma hemmx biżżejjed dispożizzjonijiet tad-dritt primarju fformulati b'mod imperattiv fit-Trattati biex jew jitpoġġa fil-ġenb l-eżerċizzju ta' bbilanċjar imwettaq mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ li tirriżulta kompetizzjoni fost jew bejn drittijiet fundamentali [96], jew li tiġi sseparata l-kompetenza tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-protezzjoni ġudizzjarja tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon meta organizzazzjoni reliġjuża tinvoka l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 [97].

97. L-għanijiet tal-Artikolu 17 TFUE, kif juru l-oriġini tiegħu [98], lanqas ma jsostnu direttament tali żvilupp. It-test tal-Artikolu 17 TFUE ġie diskuss fil-Konvenzjoni tat-Trattat li Jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa [99], fejn lobbying allegatament qawwi favur riferiment fit-test għall-patrimonju reliġjuż u partikolarment Kristjan tal-Ewropa [100] ġie kkumbattut b'daqstant qawwa minn gruppi sekulari u Stati Membri b'separazzjoni qawwija bejn il-Knisja u l-Istat [101]. It-tensjonijiet iġġenerati huma riflessi fil-fatt li r-riferiment għal "impuls spiritwali" propost matul il-Konvenzjoni, li xorta waħda sab oġġezzjonijiet minn xi gruppi reliġjużi għax naqas milli jirreferi espliċitament għall-Kristjaneżmu, ma ġiex inkluż fil-verżjoni finali tat-Trattat li Jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa [102]. Finalment, it-test tad-Dikjarazzjoni Nru 11 li saret fit-Trattat ta' Amsterdam [103] (l-istess reviżjoni li estendiet is-setgħat tal-Unjoni Ewropea biex tikkumbatti d-diskriminazzjoni, *inter alia*, ibbażata fuq ir-reliġjon u fuq it-twemmin) [104], ġiet adottata bħala l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 17 TFUE [105], u l-Artikolu 17(3) TFUE ġie miżjud biex tingħata sura lid-djalogu diġà eżistenti bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-komunitajiet tal-fidi u tar-reliġjon [106]. Tabilħaqq, il-Preambolu tat-TUE jispira ruħu minn diversi sorsi - mill-"wirt kulturali, religjuż u umanista".

98. Tispikka l-assenza ta' evidenza fl-Artikolu 17 TFUE dwar l-intenzjoni li jsir speċi ta' trasferiment estensiv fid-dritt tal-Istati Membri tal-istħarriġ ġudizzjarju relatat mal-ġustifikazzjoni għal inugwaljanza fit-trattament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, meta din l-inugwaljanza fit-trattament tkun ġejja minn organizzazzjonijiet reliġjużi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/78. Jiena pjuttost ninterpreta l-Artikolu 17 TFUE bħala marbut iktar mill-qrib mal-Artikolu 5(2) TUE li, kif indikat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-konvenuta, iservi sabiex iqiegħed l-istatus tal-knejjes fil-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri.

96 Ara l-punti 55 u 56 u 68 sa 75 iktar 'il fuq.

97 Ara, b'analoġija, il-punt 16 tas-sentenza tal-11 ta' Jannar 2000, Kreil (C-285/98, EU:C:2000:2). Ma kienx "possibbli li tiġi dedotta" [traduzzjoni mhux uffiċjali] mill-artikoli inkwistjoni tat-Trattat "riżerva ġenerali, inerenti għat-Trattat, li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju kull miżura adottata għal raġunijiet ta' sikurezza pubblika" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

98 Ara pereżempju s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-220/15, EU:C:2016:815, punt 39. Għal analiżi ddettaljati dwar l-oriġini tal-Artikolu 17 TFUE u ta' partijiet rilevanti tal-Preambolu tat-TUE, ara pereżempju McCrea, op. cit., p. 53 sa 74, u Oanta, G. A., "The Status of Churches and Philosophical and Non-Confessional Organizations within the Framework of the European Union Reform", *Lex ET Scientia International Journal*, Bucharest (ir-Rumanija), nº XV, vol. 2, 2008, p. 121.

99 L-Artikolu 17 kien deher bħala l-Artikolu I-52 fl-Abbozz ta' Trattat li Jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa (ĠU 2004 C 310, p. 1).

100 Ara "Post-Synodal Apostolic Exhortation 'Ecclesia in Europe' of His Holiness Pope John Paul II to the Bishops, Men and Women in the Consecrated Life and All the Lay Faithful on Jesus Christ, Alive in His Church, the Source of Hope for Europe". Ikkwotat f'COMECE, *The Treaty Establishing a Constitution for Europe: Elements for an Evaluation*, 11 ta' Marzu 2005, disponibbli fuq http://www.comece.eu/dl/pmnrJKJOmKkJqx4KJK/20050311PUBCONV_EN.pdf, p.3.

101 McCrea, op. cit. p. 54. Huwa rrapportat li waqt il-Konferenza Intergovernattiva tal-1996, id-delegazzjoni Ġermaniża pproponiet, mingħajr suċċess, l-artikolu li ġej: "L-Unjoni tqis li l-pożizzjonijiet kostituzzjonali tal-komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri huma espressjoni kemm tal-identità tal-Istati Membri kif ukoll tal-kultura tagħhom, bħala parti mill-patrimonju legali komuni tagħhom". Ara Oanta, op. cit., p. 123.

102 ĠU 2003 C 169, p. 1.

103 Dikjarazzjoni Nru 11 annessa mal-att finali tal-Konferenza Intergovernattiva relatata mat-Trattat ta' Amsterdam iffirmat fit-2 ta' Ottubru 1997 (ĠU 1997 C 340, p. 133).

104 L-Artikolu 13 KE ġie adottat waqt ir-reviżjoni tat-Trattat ta' Amsterdam. Illum l-Artikolu 19 TUE.

105 Dokument tax-xogħol tal-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, Presidenza tal-KIG, 23 ta' Lulju 2007, CIG 1/07, p. 49.

106 *Ibid.* Ara eż. Houston, K., "The Logic of Structured Dialogue between Religious Associations and the Institutions of the European Union", f'Leustean, L. N. u Madeley, J. T. S. (eds) *Religion, Politics and Law in the European Union*, (Routledge, 2010), p. 201; Mudrov, S. A., 'The European Union and Christian Churches: The Patterns of Interaction", Discussion Paper, Europa-Kolleg Hamburg, Institute for European Integration, No 3/14.

99. Għalhekk, l-Artikolu 17(1) u l-Artikolu 17(2) TFUE ifissru li l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni assoluta meta jiġu biex jagħżlu l-mudell għar-relazzjonijiet tagħhom ma' organizzazzjonijiet u komunitajiet reliġjużi u li l-Unjoni hija obbligata żżomm pożizzjoni newtrali f'dan ir-rigward[107]. Għalhekk, interpretazzjoni ta' "status" li jgawdu taħt id-dritt ta' Stat Membru previst fl-Artikolu 17 TFUE hija konsistenti mal-għan tal-obbligu tal-Unjoni Ewropea, previst fl-Artikolu 4(2) TUE, li jiġu osservati l-istrutturi politiċi u kostituzzjonali tal-Istati Membri[108].

100. Bħala konklużjoni, l-Artikolu 17 TFUE juri li l-fatturi essenzjali kostituzzjonali tal-Unjoni Ewropea jirriflettu dak li studjuż partikolari kien irrefera għalih bħala "pluraliżmu tal-valur". Skont dan, il-kunflitti bejn drittijiet differenti, jew l-approċċi fir-rigward tagħhom, huma kkunsidrati normali u jissolvew billi jiġu bbilanċjati l-elementi kunfliġġenti iktar milli l-għoti ta' prijorità lil wieħed fuq l-ieħor b'mod ġerarkiku[109]. Dan huwa rifless fl-Artikolu 2 TUE, fl-Artikolu 22 tal-Karta u fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78.

### *4. Konklużjoni fir-rigward tal-ewwel domanda*

101. Għaldaqstant nipproponi r-risposta li ġejja għall-ewwel domanda.

"L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li timpjega, bħall-konvenuta f'din il-kawża, jew inkella l-Knisja f'isimha, ma tistax tiddeċiedi hija stess, b'mod vinkolanti, li l-appartenenza għal reliġjon speċifika ta' kandidat tikkostitwixxi, minħabba n-natura tal-attività jew il-kuntest li fih hija eżerċitata, rekwiżit professjonali ġenwin, leġittimu u ġġustifikat fid-dawl tal-etos tal-persuna li timpjega/tal-knisja."

## D. Fuq it-tielet domanda

102. Mhux l-atti kollha huma protetti bil-liġi sempliċement għax joriġinaw minn xi tip ta' konvinzjoni reliġjuża[110]. Bit-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju nazzjonali tistaqsi dwar ir-rekwiżiti fir-rigward tar-rekwiżiti professjonali ġenwini, leġittimi u ġġustifikati fid-dawl tal-etos tal-organizzazzjoni, konformement mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78.

103. Kif jidher mill-analiżi preċedenti dwar ir-risposta għall-ewwel domanda, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 joħloq bilanċ bejn id-dritt tal-organizzazzjonijiet reliġjużi għal awtonomija u għal awtodeterminazzjoni, *forum externum*, minn naħa, u d-dritt tal-impjegati u impjegati prospettivi għal-libertà tat-twemmin u li jkunu ħielsa minn diskriminazzjoni bbażata fuq dak it-twemmin, *forum internum*, min-naħa l-oħra.

107 Oanta op. cit., p. 127. Studju partikolari jidentifika xejn inqas minn ħames mudelli għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat. Ara Mancini, S., u Rosenfeld, M., "Unveiling the limits of tolerance; comparing the treatment of majority and minority religious symbols in the public sphere" f'Zucca u Ungureanu, op. cit., p. 162.

108 Iktar 'il fuq punt 95.

109 McCrea op. cit., p. 60 u 61, fejn jiċċita lil Bengoetxea, J., MacCormick, N. u Moral Soriano, L., "Integration and integrity in the legal reasoning of the European Court of Justice" f'de Búrca, G. u Weiler, J.H.H (eds), *The European Court of Justice* (Oxford University Press, 2001), p. 64.

110 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott, G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2016:382, punt 37, fejn jiġu ċċitati s-sentenzi tal-Qorti EDB, tal-10 ta' Novembru 2005, Leyla Şahin vs It-Turkija, CE:ECHR:2005:1110JUD004477498, tal-1 ta' Lulju 2014, S.A.S. vs Franza, CE:ECHR:2014:0701JUD004383511, u tas-26 ta' Novembru 2015, Ebrahimian vs Franza, CE:ECHR:2015:1126JUD006484611.

104. Apparti t-tqegħid tal-pedamenti għar-risposta tal-ewwel domanda, din l-analiżi identifikat il-fatturi li ġejjin, jew rekwiżiti kif jissejħu fit-tielet domanda, li huma rilevanti għall-kwistjoni ta' jekk ir-rekwiżiti professjonali li jirrigwardaw reliġjon jew twemmin, minħabba n-natura tal-attivitajiet jew il-kuntest li fih jitwettqu, humiex ġenwini, leġittimi u ġġustifikati, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-etos tal-organizzazzjoni:

(i) Id-dritt ta' organizzazzjonijiet reliġjużi għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni huwa dritt fundamentali rikonoxxut u protett taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea, kif rifless fl-Artikoli 10 u 12 tal-Karta. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, u b'mod partikolari r-riferiment li huwa jagħmel għall-"ethos" ta' organizzazzjonijiet reliġjużi, għandu jiġi interpretat konformement ma dan id-dritt fundamentali;

(ii) l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni wiesa' iżda mhux mingħajr limitu fir-rigward ta' attivitajiet professjonali li għalihom ir-reliġjon jew it-twemmin jammontaw għal rekwiżiti professjonali ġenwini, leġittimi u ġġustifikati minħabba n-natura tal-attivitajiet jew il-kuntest li fih jitwettqu [111].

(iii) ir-riferiment għad-"dispożizzjonijiet u l-prinċipji kostituzzjonali ta' l-Istati Membri", magħmul fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, meta interpretat fid-dawl tal-Artikolu 17(1) TFUE, jfisser li d-Direttiva 2000/78 għandha tiġi implementata b'tali mod li l-mudell magħżul mill-Istati Membri individwali għat-tmexxija tar-relazzjonijiet bejn il-knejjes, l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi u l-Istat, għandu jiġi rrispettat u mhux ippreġudikat [112].

105. Peress li l-Artikoli 10 u 12 tal-Karta "jikkorrispondu" għall-Artikoli 9 u 11 tal-KEDB, fis-sens tal-Artikolu 52(3) tal-Karta, id-dritt tal-organizzazzjonijiet reliġjużi għall-awtodeterminazzjoni u għall-awtonomija jiġbor taħtu, minn tal-inqas, il-protezzjoni li ġejja taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

106. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonstatat li, ħlief għal każijiet eċċezzjonali għall-aħħar, id-dritt għal-libertà tar-reliġjon kif iggarantit mill-KEDB jeskludi kull tip ta' diskrezzjoni min-naħa tal-Istat biex jiddetermina jekk it-twemmin reliġjuż jew il-mezzi użati biex jiġi espress dan it-twemmin humiex leġittimi [113]. Id-dritt ta' komunità reliġjuża għal eżistenza awtonoma huwa fil-qalba tal-garanziji fl-Artikolu 9 tal-KEDB, li huwa indispensabbli bl-istess mod għall-pluraliżmu f'soċjetà demokratika [114]. L-interferenza mill-Istat fl-organizzazzjoni interna tal-knejjes hija prekluża skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [115], u d-determinazzjoni tal-affiljazzjoni reliġjuża ta' komunità hija l-kompitu tal-ogħla awtoritajiet spiritwali biss u mhux tal-Istat [116]. Li kieku l-organizzazzjoni tal-komunità ma tkunx protetta bl-Artikolu 9, l-aspetti l-oħra kollha tal-libertà ta' reliġjon ta' individwu jsiru vulnerabbli [117].

111 Ara l-punt 86 iktar 'il fuq.

112 Ara l-punt 99 iktar 'il fuq.

113 Qorti EDB, 8 ta' April 2014, Magyar Keresztény Mennonita Egyház *vs* L-Ungerija, CE:ECHR:2014:0408JUD007094511, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata. Pereżempju l-promozzjoni ta' ideoloġija inumana tkun manifestament kontra l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea taħt l-Artikolu 2 TUE. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2016:382, punt 89.

114 Sentenza tal-Qorti EDB, 26 ta' April 2016, İzzettin Doğan *et* vs It-Turkija, CE:ECHR:2016:0426JUD006264910, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata.

115 Qorti EDB, 16 ta' Settembru 2010, Holy Synod of the Bulgarian Orthodox Church (Metropolitan Inokentiy) *et* vs Il-Bulgarija, CE:ECHR:2009:0122JUD000041203, punt 26.

116 Qorti EDB, 26 ta' April 2016, İzzettin Doğan *et* vs It-Turkija, CE:ECHR:2016:0426JUD006264910, punti 110 u 121 u l-ġurisprudenza ċċitata.

117 Qorti EDB, 9 ta' Lulju 2013, Sindicatul "Păstorul cel Bun" vs Ir-Rumanija, CE:ECHR:2013:0709JUD000233009, punt 136.

107. L-Istat huwa pprojbit milli jobbliga komunità reliġjuża sabiex taċċetta membri ġodda jew teskludi oħra eżistenti[118]. L-Istat lanqas ma jista' jobbliga komunità reliġjuża sabiex tafda lil xi ħadd b'kariga reliġjuża speċifika[119]. Ir-rispett tal-awtonomija ta' komunitajiet reliġjużi rrikonoxxuti mill-Istat jimplika, partikolarment, li l-Istat għandu jaċċetta d-dritt ta' dawn il-komunitajiet biex jirreaġixxu, skont ir-regoli u l-interessi tagħhom, għal kwalunkwe movimenti dissidenti fi ħdanhom li jistgħu jheddu l-koeżjoni, ir-reputazzjoni jew l-unità tagħhom[120]. Huma biss l-iktar raġunijiet serji u konvinċenti li possibbilment jistgħu jiġġustifikaw l-intervenzjoni tal-Istat[121], hekk li l-Istati huma intitolati, pereżempju, jivverifikaw jekk moviment jew assoċjazzjoni jwettqux, apparentement insegwitu ta' għanijiet reliġjużi, attivitajiet li huma dannużi għall-popolazzjoni jew għas-sigurtà pubblika[122]. Ġeneralment, il-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 9 tal-KEDB hija suġġetta biss għall-aderenza minn membri tal-organizzazzjoni reliġjuża mal-fehmiet li jiksbu ċertu livell ta' konvinzjoni, serjetà, koeżjoni u importanza[123].

108. Fejn tkun inkwistjoni l-organizzazzjoni tal-komunità reliġjuża, l-Artikolu 9 jrid jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 11 li jissalvagwardja assoċjazzjonijiet minn interferenza statali inġusta[124]. F'dan is-sens, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonstatat ripetutament li l-libertà reliġjuża timplika l-libertà li wieħed jimmanifesta r-reliġjon tiegħu "fi ħdan iċ-ċirku ta' dawk li jaqsmu l-istess fidi"[125] [traduzzjoni libera].

109. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem enfasizzat kemm-il darba r-rwol tal-Istat bħala l-organizzatur newtrali u imparzjali tal-eżerċizzju ta' diversi reliġjonijiet, fidijiet u twemmin, filwaqt li kkonstatat li dan ir-rwol iwassal għall-ordni pubbliku, għall-armonija reliġjuża u għat-tolleranza f'soċjetà demokratika[126]. It-tentattiv tal-Istat li jaġixxi bħala arbitru bejn il-komunitajiet reliġjużi u d-diversi fazzjonijiet dissidenti li jaf jeżistu jew jinħolqu fi ħdanhom jista' jitfa' f'riskju l-awtonomija tal-knejjes inkwistjoni[127]. Ġie kkonstatat li l-interferenza statali arbitrarja f'tilwima dwar it-tmexxija fi ħdan knisja, jiġifieri fl-organizzazzjoni interna tagħha, hija sproporzjonata u tikser l-Artikolu 9 tal-KEDB[128].

110. Dan espost, ma naqbilx mal-osservazzjonijiet magħmula mill-konvenuta li l-projbizzjoni li l-awtoritajiet tal-Istat jeżaminaw il-leġittimità ta' twemmin reliġjuż jew jinterferixxu fl-organizzazzjoni interna ta' korpi reliġjużi jfisser bilfors li tal-aħħar huma l-uniċi entitajiet, bl-esklużjoni tal-qrati, li jistgħu jiddeċiedu jekk rekwiżit professjonali huwiex ġenwin, leġittimu u ġġustifikat fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet u tal-kuntest li fih jitwettqu, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78. Pjuttost, naċċetta l-argumenti ppreżentati fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Irlanda u mill-Kummissjoni matul is-seduta, li l-etos ta' reliġjon huwa suġġettiv u pjuttost separat u distint mill-attivitajiet insostenn tiegħu, fejn dawn tal-aħħar huma kwistjoni oġġettiva li għandha tiġi mistħarrġa mill-qrati. Fi kliem ieħor, il-konvenuta kkombinat żewġ kunċetti differenti. Filwaqt li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-etos tal-Knisja għandu jiġi limitat, kif rifless fil-ġurisprudenza tal-Qorti

118 *Ibid*, punt 137.

119 Qorti EDB, 12 ta' Ġunju 2014, Fernández Martínez vs Spanja, CE:ECHR:2014:0612JUD005603007, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata.

120 Ibid, punt 128.

121 Qorti EDB, 26 ta' April 2016, İzzettin Doğan *et* vs It-Turkija, CE:ECHR:2016:0426JUD006264910, punt 110.

122 Qorti EDB, 13 ta' Diċembru 2001, Metropolitan Church of Bessarabia *et* vs Il-Moldova, CE:ECHR:2001:1213JUD004570199, punt 113.

123 Qorti EDB, 15 ta' Jannar 2013 Eweida *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2013:0115JUD004842010, punt 81.

124 Qorti EDB, 9 ta' Lulju 2013, Sindicatul "Păstorul cel Bun" vs Ir-Rumanija CE:ECHR:2013:0709JUD000233009, punt 136.

125 Qorti EDB, 31 ta' Lulju 2008, Religionsgemeinschaft der Zeugen Jehovas *et* vs L-Awstrija, CE:ECHR:2008:0731JUD004082598, punt 61.

126 Qorti EDB, 26 ta' April 2016, İzzettin Doğan *et* vs It-Turkija, CE:ECHR:2016:0426JUD006264910, punt 107 u l-ġurisprudenza ċċitata.

127 Qorti EDB, 9 ta' Lulju 2013, Sindicatul "Păstorul cel Bun" vs Ir-Rumanija, CE:ECHR:2013:0709JUD000233009, punti 165 u 166.

128 Qorti EDB, 22 ta' Jannar 2009, Holy Synod of the Bulgarian Orthodox Church (Metropolitan Inokentiy) *et* vs Il-Bulgarija CE:ECHR:2009:0122JUD000041203.

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u, f'dan is-sens, fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri[129], dan ma jfissirx li qorti ta' Stat Membru hija skużata milli tevalwa *l-attivitajiet inkwistjoni*, b'kuntrast mal-etos ta' reliġjon li huwa kważi immuni minn stħarriġ, biex tiddetermina jekk l-inugwaljanza fit-trattament ibbażata fuq it-twemmin hijiex ġenwina, leġittima u ġustifikata.

111. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni tliet fatturi oħra meta l-qorti tar-rinviju nazzjonali tiddeċiedi jekk is-sħubija fil-fidi Kristjana hijiex rekwiżit professjonali ġenwin, leġittimu u ġġustifikat għal pożizzjoni li tinvolvi l-preparazzjoni tar-rapport dwar id-diskriminazzjoni razzjali, li jinkludi r-rappreżentanza pubblika u professjonali tal-konvenuta u koordinazzjoni tal-proċess ta' ffurmar ta' opinjonijiet fi ħdan din l-organizzazzjoni:[130]

(iv) il-kelma "ġġustifikat" fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 tirrikjedi analiżi dwar jekk ir-rekwiżiti professjonali li jinvolvu diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin humiex adattati b'mod xieraq biex jipproteġu d-dritt tal-konvenuta għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni, fis-sens li dawn huma xierqa għall-ilħuq ta' dan l-għan;

(v) il-kliem "ġenwin, leġittimu" jeħtieġu analiżi tal-prossimità tal-attivitajiet inkwistjoni mal-missjoni proklamatorja tal-konvenuta[131].

(vi) konformement mar-rekwiżit previst fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 biex id-differenza fit-trattament tiġi implementata skont il-"prinċipji ġenerali tal-liġi", kif ukoll mal-approċċ tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(2) tal-KEDB fil-kuntest tad-determinazzjoni ta' jekk l-eżerċizzju tad-dritt ta' organizzazzjoni reliġjuża għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni jipproduċix effetti sproporzjonati fir-rigward ta' drittijiet oħra protetti mill-KEDB[132], l-impatt, f'termini ta' proporzjonalità, fuq l-interess leġittimu li tinkiseb l-effettività tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin skont id-Direttiva 2000/78, għandu jiġi ibbilanċjat kontra d-dritt tar-rikorrenti għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni tagħha[133], b'teħid inkunsiderazzjoni xieraq tal-fatt li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/78 ma jagħmilx distinzjoni bejn reklutaġġ u tkeċċija[134].

112. Il-punti (iv) u (v) jistħoqqilhom li jiġu elaborati iktar fid-dettall.

113. Ir-regoli dwar l-interpretazzjoni ta' miżuri tal-Unjoni Ewropea ġew esposti fid-dettall fil-punti 81 sa 85 iktar 'il fuq. Fir-rigward tal-punt (iv), fl-opinjoni tiegħi huwa deċiżiv li x-xogħlijiet preparatorji juru bidla, proposta mid-delegazzjoni tal-Lussemburgu, għall-kelma "ġġustifikat", mill-kelma "neċessarju", fid-dawl tal-proposta magħmula mill-Gvern tar-Renju Unit sabiex "neċessarju" tiġi

129 Għal stampa komprensiva tal-Istati membri ara Doe op. cit., Kapitolu 5, p. 114 sa 138. Fil-paġna 120 l-awtur jasserixxi li f'dan ir-rigward il-ġurisprudenza tal-Konstitutsionen sad (qorti kostituzzjonali Bulgara) hija tipika, u jikkwotaha kif ġej: "L-interferenza tal-Istat u l-interferenza governattiva fl-organizzazzjoni interna ta' komunitajiet u istituzzjonijiet reliġjużi kif ukoll fil-manifestazzjoni pubblika tagħhom huma inammissibbli ħlief meta jsiru abbażi tal-Kostituzzjoni" [traduzzjoni libera]. Ara d-Deċiżjoni Nru 5, 11 ta' Ġunju 1992, Kawża Nru 11/92, SG Nru 49, 16 ta' Ġunju 1992.

130 Ara l-punt 24 iktar 'il fuq.

131 Ara, pereżempju, Qorti EDB, 23 ta' Settembru 2010, *Schüth vs Il-Ġermanja*, CE:ECHR:2010:0923JUD000162003, punt 69. Din il-"prossimità" hija wkoll inerenti fl-evalwazzjoni tal-kredibbiltà tal-knisja fl-imħuħ kemm tal-pubbliku kif ukoll tal-klijenti tagħha, Qorti EDB, 3 ta' Frar 2011, *Siebenhaar vs Il-Ġermanja*, CE:ECHR:2011:0203JUD001813602, punt 46, u fl-evalwazzjoni ta' jekk il-pożizzjoni inkwistjoni hijiex waħda prominenti Qorti EDB, 23 ta' Settembru 2010, Obst vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2010:0923JUD000042503, punt 51. Indikazzjoni ta' rekwiżiti professjonali fir-rigward ta' attivitajiet li huma qrib missjoni proklamatorja ta' organizzazzjonijiet reliġjużi hija rilevanti għaż-żamma tal-leġittimità.

132 Ara b'mod partikolari, Qorti EDB, 4 ta' Ottubru 2016, Travaš vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2016:1004JUD007558113, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata.

133 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2000, Kreil, C-285/98, EU:C:2000:2, punt 23.

134 Ara l-punt 69 iktar 'il fuq.

ssostitwita b'"xieraq" jew "rilevanti"[135]. Fil-fehma tiegħi dan jirrappreżenta żvilupp lejn l-aċċettazzjoni, mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea, bl-użu tal-kelma "ġġustifikat", tal-applikazzjoni tal-ewwel fergħa tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità. Dan jinvolvi teħid inkunsiderazzjoni ta' jekk il-miżura kkonċernata hijiex xierqa biex tiżgura għan leġittimu[136].

114. Fir-rigward tal-punt (v), wasalt għal din il-konklużjoni billi rreferejt għall-kuntest tal-kliem "ġenwin, leġittimu", li huma marbuta kemm mal-"ethos ta' l-organizzazzjoni" kif ukoll man-"natura" tal-attivitajiet rilevanti "jew l-kuntest li fihom jitwettqu". Barra minn hekk, hemm diskrepanza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi. Il-kelma "ġenwin" hija riflessa fil-verżjonijiet lingwistiċi bl-Isvediż ("*verkligt*"), bl-Ingliż ("genuine"), bil-Latvjan ("*īstu*"), bil-finlandiż ("*todellinen*"), bid-Daniż, ("*regulært*"), bil-Kroat ("*stvarni*"), u bl-Ungaru ("*valódi*"), filwaqt li l-verżjoni Franċiża tirreferi għal "*essentielle, légitime*" li hija wkoll riflessa fil-verżjonijiet lingwistiċi bl-Ispanjol ("*esencial*"), bit-Taljan ("*essenziale*"), bil-Portugiż ("*essencial*"), bir-Rumen ("*esențială*"), bl-Olandiż ("*wezenlijke*"), bil-Ġermaniż ("*wesentliche*"), bl-Estonjan ("*oluline*"), bil-Bulgaru ("*основно*"), bis-Slovakk ("*základnú*"), biċ-Ċek ("*podstatný*"), bil-Pollakk ("*podstawowy*"), bis-Sloven ("*bistveno*") u bil-Grieg ("ουσιώδης"). Sadanittant il-verżjoni lingwistika bil-Litwan tista' titqies bħala ekwivalenti għal-kliem bil-Malti bħal komuni, tas-soltu jew regolari ("*įprastas*").

115. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ ta' differenzi fil-verżjonijiet lingwistiċi, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata b'riferiment għall-għan u għall-istruttura ġenerali tar-regoli li tifforma parti minnhom[137]. Peress li t-terminu "ġenwin, leġittimu", minħabba diskrepanzi lingwistiċi, "ma jwassalx għal interpretazzjoni ċara u uniformi"[138], wasal għall-konklużjoni li, abbażi ta' approċċ skematiku u tal-għan inerenti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 għall-ħarsien tal-awtonomija u tal-awtodeterminazzjoni ta' organizzazzjonijiet reliġjużi[139], il-prossimità tal-attivitajiet professjonali inkwistjoni għall-missjoni proklamatorja tal-organizzazzjonijiet reliġjużi hija ċentrali għal din id-determinazzjoni. Dan huwa rifless fid-dritt tal-Unjoni Ewropea bl-użu tal-kliem "ġenwin, leġittimu" fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78.

116. Għaldaqstant nipproponi r-risposta li ġejja għat-tielet domanda:

"Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, meta tiġi biex tevalwa rekwiżiti professjonali ġenwini, leġittimi u ġġustifikati fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet jew tal-kuntest li fih jitwettqu, flimkien mal-etos tal-organizzazzjoni, il-qorti tar-rinviju nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

(i) Id-dritt ta' organizzazzjonijiet reliġjużi għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni huwa dritt fundamentali rikonoxxut u protett taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea, kif rifless fl-Artikoli 10 u 12 tal-Karta. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, u b'mod partikolari r-riferiment li huwa jagħmel għall-'ethos' ta' organizzazzjonijiet reliġjużi, għandu jiġi interpretat konformement ma dan id-dritt fundamentali;

(ii) l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni wiesa' iżda mhux mingħajr limitu fir-rigward ta' attivitajiet professjonali li għalihom ir-reliġjon jew it-twemmin jammontaw għal rekwiżiti professjonali ġenwini, leġittimi u ġġustifikati minħabba n-natura tal-attivitajiet jew il-kuntest li fih jitwettqu;

(iii) ir-riferiment għad-'dispożizzjonijiet u l-prinċipji kostituzzjonali ta' l-Istati Membri', magħmul fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, meta interpretat fid-dawl tal-Artikolu 17(1) TFUE, jfisser li d-Direttiva 2000/78 għandha tiġi implementata b'tali mod li

135 Ara r-Rettifika 12269/00 SOC 344 ĠAI 112, Kunsill tal-Unjoni Ewropea SOC 345 ĠAI 113 tat-12 ta' Ottubru 2000, p. 2.

136 Pereżempju s-sentenza tas-26 ta' Ġunju 1997, *Familiapress*, C-368/95, EU:C:1997:325, punt 28.

137 Sentenza tal-21 ta' Settembru 2016, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-140/15 P, EU:C:2016:708, punt 80.

138 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2014, *Timmel*, C-359/12, EU:C:2014:325, punt 62.

139 Ara l-punti 106 sa 109 iktar 'il fuq.

l-mudell magħżul mill-Istati Membri individwali għat-tmexxija tar-relazzjonijiet bejn il-knejjes, l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi u l-Istat, għandu jiġi rrispettat u mhux ippreġudikat;

(iv) il-kelma ‘ġġustifikat’ fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 tirrikjedi analiżi dwar jekk ir-rekwiżiti professjonali li jinvolvu diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin humiex adattati b’mod xieraq biex jipproteġu d-dritt tal-konvenuta għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni, fis-sens li dawn huma xierqa għall-ilħuq ta’ dan l-għan;

(v) il-kliem ‘ġenwin, leġittimu’ jeħtieġu analiżi tal-prossimità tal-attivitajiet inkwistjoni mal-missjoni proklamatorja tal-konvenuta;

(vi) konformement mar-rekwiżit previst fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 biex id-differenza fit-trattament tiġi implementata skont il-‘prinċipji ġenerali tal-liġi’, kif ukoll mal-approċċ tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(2) tal-KEDB fil-kuntest tad-determinazzjoni ta’ jekk l-eżerċizzju tad-dritt ta’ organizzazzjoni reliġjuża għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni jipproduċix effetti sproporzjonati fir-rigward ta’ drittijiet oħra protetti mill-KEDB, l-impatt, f’termini ta’ proporzjonalità, fuq l-interess leġittimu li tinkiseb l-effettività tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin skont id-Direttiva 2000/78, għandu jiġi ibbilanċjat kontra d-dritt tar-rikorrenti għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni tagħha, b’teħid inkunsiderazzjoni xieraq tal-fatt li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/78 ma jagħmilx distinzjoni bejn reklutaġġ u tkeċċija.”

## E. Fuq it-tieni domanda

117. It-tieni domanda tindirizza ċ-ċirkustanza mhux tas-soltu fejn prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, bħad-dritt għal ugwaljanza fit-trattament ibbażata fuq it-twemmin[140], jingħata espressjoni konkreta f’direttiva, hawnhekk id-Direttiva 2000/78, iżda jkun impossibbli għal qorti ta’ Stat Membru biex tinterpreta d-dritt nazzjonali konformement mad-direttiva għax dan ikun jinvolvi interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali u, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-aħħar huwa prekluż f’tilwimiet ta’ natura orizzontali bejn żewġ partijiet privati[141]. Jekk il-qorti tar-rinviju nazzjonali tikkonstata li huwa impossibbli li l-Artikolu 137(3) tal-WRV u l-Artikolu 9(1) tal-AGG jiġu interpretati konformement mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 u mal-Artikolu 17 TFUE, kif ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 137(3) tal-WRV u l-Artikolu 9(1) tal-AGG għandhom jibqgħu mhux applikati?

118. Meta japplikaw id-dritt nazzjonali, il-qrati nazzjonali li qed jintalbu jinterpretawh għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha ta’ dan id-dritt u japplikaw il-metodi ta’ interpretazzjoni rrikonoxxuti minnhom għall-interpretazzjoni tiegħu, sakemm ikun possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat stabbilit minnha u b’hekk konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE[142]. Kif diġà semmejt, dan jinkludi l-modifika tal-ġurisprudenza stabbilita tagħhom jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta’ direttiva[143].

140 L-Artikolu 6(3) TUE jikkonferma, *inter alia*, li d-drittijiet fundamentali kif iggarantiti mill-KEDB jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Sentenza tal-15 ta’ Frar 2016, JN, C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 45.

141 Il-konvenuta hija entità rregolata mid-dritt privat u r-rikorrenti hija parti privata individwali. Ara l-punti 41 sa 45 iktar ’il fuq.

142 Sentenza tad-19 ta’ April 2016, DI, C 441/14, EU:C:2016:278, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata.

143 *Ibid*, punt 33.

119. Madankollu, wasalt għall-konklużjoni li l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, kif riflessa fl-Artikolu 21 tal-Karta, ma hijiex dritt suġġettiv applikabbli orizzontalment bejn partijiet privati f'ċirkustanzi fejn din hija f'kompetizzjoni mad-dritt tal-organizzazzjonijiet reliġjużi għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni u d-dispożizzjonijiet legali ta' Stat Membru ma jistgħux jiġu interpretati konformement mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 [144]. Jekk dan ikun ir-riżultat tal-kawża prinċipali ladarba tintbagħat lura lill-qorti tar-rinviju nazzjonali, ir-rimedju disponibbli għar-rikorrenti taħt id-dritt tal-Unjoni jkun rikors għar-responsabbiltà Statali għad-danni kontra l-Ġermanja [145].

120. Wasalt għal din il-konklużjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

121. L-ewwel nett, kif iddiskutejt iktar 'il fuq, skont l-Artikolu 17(1) u (2) TFUE hija l-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-mudell tal-għażla tagħhom għar-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat. Jekk, f'dan il-proċess, l-arranġamenti leġiżlattivi ma jikkonformawx mal-obbligi paralleli tal-Istat Membru taħt id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-ksib tal-effettività tad-Direttiva 2000/78, l-Istat Membru rispettiv għandu jassumi r-responsabbiltà għan-nuqqasijiet li seħħew.

122. It-tieni nett, kif ġie nnotat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Irlanda, ikun inkonsistenti mal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa', li huwa inerenti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, li l-Istati Membri għandhom fir-rigward ta' dak li jikkostitwixxi rekwiżit professjonali ġenwin, leġittimu u ġġustifikat minħabba n-natura tal-attivitajiet jew il-kuntest li fih jitwettqu, jekk il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon ikollha effett dirett orizzontali.

123. It-tielet nett, kif ġie nnotat bl-istess mod fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Irlanda, b'kuntrast għar-raġunijiet l-oħra ta' diskriminazzjoni elenkati fl-Artikolu 19 TFUE, ma hemmx kunsens suffiċjenti bejn it-tradizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali dwar iċ-ċirkustanzi li fihom differenzi fit-trattament għal raġunijiet reliġjużi jistgħu jkunu ġenwini, leġittimi u ġġustifikati. Tabilħaqq, dan joħroġ mill-promulgazzjoni nnifisha tal-Artikolu 17 TFUE u tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78.

124. Għaldaqstant nipproponi r-risposta li ġejja għat-tieni domanda:

Fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, f'dan il-każ l-Artikolu 9(1), l-ewwel ipoteżi, tal-AGG (Allgemeine Gleichbehandlungsgesetz, liġi ġenerali dwar l-ugwaljanza fit-trattament), li tipprovdi li inugwaljanza fit-trattament ibbażata fuq ir-reliġjon f'każ ta' impjieg minn komunitajiet reliġjużi u l-istituzzjonijiet affiljati ma' dawn tal-aħħar hija wkoll leċita jekk, b'kunsiderazzjoni għall-identità proprja ta' din il-komunità reliġjuża fid-dawl tad-dritt tagħha ta' awtodeterminazzjoni, reliġjon partikolari tikkostitwixxi rekwiżit professjonali ġġustifikat jekk ma jkunx possibbli li dik id-dispożizzjoni tiġi interpretata b'mod konformi mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, ma għandhiex għalfejn tibqa' mhux applikata f'kawża bħal dik preżenti.

144 L-Avukat Ġenerali Kokott ipproponiet li l-effett orizzontali tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni ibbażata fuq l-oriġini etnika u r-razza jista' jvarja skont iċ-ċirkustanzi li fihom huwa invokat id-dritt. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 24 iktar 'il fuq.

145 Sentenza tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata.

## F. Rimarki konklużivi

125. L-Artikolu 9 tal-AGG huwa dispożizzjoni problematika. Diġà kien is-suġġett ta' kritika quddiem il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem rilevanti fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Konvenzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Razzjali[146]. Darba kien is-suġġett ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu istitwita mill-Kummissjoni kontra l-Ġermanja[147], u ġie ddubitat minn korp tal-Gvern Ġermaniż għall-monitoraġġ tal-konformità mal-liġi kontra d-diskriminazzjoni fi ħdan l-Istat Membru[148].

126. Huwa ovvju mill-fatt li l-organizzazzjonijiet reliġjużi fil-Ġermanja jħaddmu madwar 1.3 miljun ruħ[149] li f'dan l-Istat Membru hemm involviment kunsiderevoli mill-knejjes u l-affiljati tagħhom fl-isfera pubblika[150]. Madankollu, jiena tal-fehma li t-tensjonijiet iġġenerati minħabba din is-sitwazzjoni, kif joħroġ mill-kawża prinċipali, ġew akkomodati bil-promulgazzjoni tal-Artikolu 17 TFUE u tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, u bir-rikonoxximent tad-dritt tal-organizzazzjonijiet reliġjużi għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni bħala dritt fundamentali li huwa protett bid-dritt tal-Unjoni, permezz tal-effetti magħquda tal-Artikoli 10, 12 u 52(3) tal-Karta.

## VI. Risposti għad-domandi rrinvijati

127. Għalhekk nipproponi r-risposti li ġejjin għad-domandi magħmula mill-Bundesarbeitsgericht (qorti industrijali, il-Ġermanja):

(1) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li timpjega, bħall-konvenuta f'din il-kawża, jew inkella l-Knisja f'isimha, ma tistax tiddeċiedi hija stess, b'mod vinkolanti, li l-appartenenza għal reliġjon speċifika ta' kandidat tikkostitwixxi, minħabba n-natura tal-attività jew il-kuntest li fih hija eżerċitata, rekwiżit professjonali ġenwin, leġittimu u ġġustifikat fid-dawl tal-etos tal-persuna li timpjega/tal-knisja.

(2) Fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, f'dan il-każ l-Artikolu 9(1), l-ewwel ipoteżi, tal-AGG Allgemeine Gleichbehandlungsgesetz (liġi ġenerali dwar l-ugwaljanza fit-trattament), li tipprovdi li inugwaljanza fit-trattament ibbażata fuq ir-reliġjon f'każ ta' impjieg minn komunitajiet reliġjużi u l-istituzzjonijiet affiljati ma' dawn tal-aħħar hija wkoll leċita jekk, b'kunsiderazzjoni għall-identità proprja ta' din il-komunità reliġjuża fid-dawl tad-dritt tagħha ta' awtodeterminazzjoni, reliġjon partikolari tikkostitwixxi rekwiżit professjonali ġġustifikat jekk ma jkunx possibbli li dik id-dispożizzjoni tiġi interpretata b'mod konformi mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, ma għandhiex għalfejn tibqa' mhux applikata f'kawża bħal dik preżenti.

146 CERD/C/DEU/CO/19-22, 30 ta' Ġunju 2015, sessjoni 86, punt 15. Ara wkoll ir-rapport dwar id-diskriminazzjoni razzjali, p. 43.

147 Fid-29 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni Ewropea bagħtet opinjoni motivata lill-Ġermanja f'dan ir-rigward. Ara IP/09/1620. Ara, europa.eu/rapid/press-release_IP-09-1620_en.htm. Il-proċedura sussegwentement ma tkomplietx.

148 Zweiter Gemeinsamer Bericht der Antidiskriminierungsstelle des Bundes und der in ihrem Zuständigkeitsbereich betroffenen Beauftragten der Bundesregierung und des Deutschen Bundestages, 13 ta' Awwissu 2013, Bundestagsdrucksache (pubblikazzjoni tal-Bundestag) 17/14400.

149 *Ibid* p. 238.

150 McColgan, A., "Religion and inequality in the European framework" f'Zucca u Ungureanu, op. cit., p. 230. Dwar il-kumplessitajiet li jinqalgħu meta "l-isfera pubblika u dik privata jidħlu f'xulxin" [traduzzjoni libera] fil-kuntest tar-reliġjon, ara Mancini and Rosenfeld, op. cit., p. 162. Kummentatur argumenta li s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Marzu 2017, Bougnaoui u ADDH, C-188/15, EU:C:2017:204 u G4S Secure Solutions, C-157/15, EU:C:2017:203 huma indikazzjoni ta' nuqqas ta' ħeġġa sabiex ir-reliġjon terġa' tidħol fis-soċjetà ċivili. Ara Robin-Olivier, S., "Neutraliser la religion dans l'entreprise?: Arrêts G4S Secure Solutions et Bougnaoui (CJUE 14 mars 2017, aff. - C-157/15 et C-188/15) *RTDEur*, 2, (2017), p. 229.

(3) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, meta tiġi biex tevalwa rekwiżiti professjonali ġenwini, leġittimi u ġġustifikati fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet jew tal-kuntest li fih jitwettqu, flimkien mal-etos tal-organizzazzjoni, il-qorti tar-rinviju nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

(i) Id-dritt ta' organizzazzjonijiet reliġjużi għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni huwa dritt fundamentali rikonoxxut u protett taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea, kif rifless fl-Artikoli 10 u 12 tal-Karta. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, u b'mod partikolari r-riferiment li huwa jagħmel għall-"ethos" ta' organizzazzjonijiet reliġjużi, għandu jiġi interpretat konformement ma dan id-dritt fundamentali;

(ii) l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 jagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni wiesa' iżda mhux mingħajr limitu fir-rigward ta' attivitajiet professjonali li għalihom ir-reliġjon jew it-twemmin jammontaw għal rekwiżiti professjonali ġenwini, leġittimi u ġġustifikati minħabba n-natura tal-attivitajiet jew il-kuntest li fih jitwettqu ;

(iii) ir-riferiment għad-"dispożizzjonijiet u l-prinċipji kostituzzjonali ta' l-Istati Membri", magħmul fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78, meta interpretat fid-dawl tal-Artikolu 17(1) TFUE, jfisser li d-Direttiva 2000/78 għandha tiġi implementata b'tali mod li l-mudell magħżul mill-Istati Membri individwali għat-tmexxija tar-relazzjonijiet bejn il-knejjes, l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi u l-Istat, għandu jiġi rrispettat u mhux ippreġudikat;

(iv) il-kelma "ġġustifikat" fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 tirrikjedi analiżi dwar jekk ir-rekwiżiti professjonali li jinvolvu diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin humiex adattati b'mod xieraq biex jipproteġu d-dritt tal-konvenuta għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni, fis-sens li dawn huma xierqa għall-ilħuq ta' dan l-għan;

(v) il-kliem "ġenwin, leġittimu" jeħtieġu analiżi tal-prossimità tal-attivitajiet inkwistjoni mal-missjoni proklamatorja tal-konvenuta;

(vi) konformement mar-rekwiżit previst fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/78 biex id-differenza fit-trattament tiġi implementata skont il-"prinċipji ġenerali tal-liġi", kif ukoll mal-approċċ tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(2) tal-KEDB fil-kuntest tad-determinazzjoni ta' jekk l-eżerċizzju tad-dritt ta' organizzazzjoni reliġjuża għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni jipproduċix effetti sproporzjonati fir-rigward ta' drittijiet oħra protetti mill-KEDB, l-impatt, f'termini ta' proporzjonalità, fuq l-interess leġittimu li tinkiseb l-effettività tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin skont id-Direttiva 2000/78, għandu jiġi ibbilanċjat kontra d-dritt tar-rikorrenti għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni tagħha, b'teħid inkunsiderazzjoni xieraq tal-fatt li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/78 ma jagħmilx distinzjoni bejn reklutaġġ u tkeċċija.